# SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Is-Seba' Awla)

30 ta' Settembru 2010 *

Fil-Kawża T-85/09,

**Yassin Abdullah Kadi,** residenti f'Jeddah (l-Arabja Sawdija), irrappreżentat minn D. Anderson, QC, M. Lester, barrister, u G. Martin, solicitor,

rikorrent,

vs

**Il-Kummissjoni Ewropea,** inizjalment irrappreżentata minn P. Hetsch, P. Aalto u F. Hoffmeister, sussegwentement minn P. Hetsch, F. Hoffmeister u E. Paasivirta, bħala aġenti,

konvenuta,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

sostnuta minn

**Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea,** irrappreżentat minn M. Bishop, E. Finnegan u R. Szostak, bħala aġenti,

minn

**Ir-Repubblika Franċiża,** irrappreżentata minn G. de Bergues u L. Butel, bħala aġenti,

u minn

**Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq,** irrappreżentat minn S. Behzadi-Spencer u E. Jenkinson, bħala aġenti, assistiti minn D. Beard, barrister,

intervenjenti,

li għandha bħala suġġett talba għal annullament tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1190/2008, tat-28 ta' Novembru 2008, li jemenda għall-101 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra

ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban (ĠU L 322, p. 25), sa fejn dan l-att jikkonċerna lir-rikorrent,

IL-QORTI ĠENERALI (Is-Seba' Awla),

komposta minn N. J. Forwood (Relatur), President, E. Moavero Milanesi u J. Schwarcz, Imħallfin,

Reġistratur: E. Coulon,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-17 ta' Ġunju 2010,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

**Il-kuntest ġuridiku u l-fatti li wasslu għall-kawża**

1 Għal espożizzjoni dettaljata tal-fatti li wasslu għal kawża kif ukoll tal-kuntest ġuridiku applikabbli għalihom, qiegħed isir riferiment għall-punti 3 sa 45 tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-3 ta' Settembru 2008, Kadi u Al Barakaat International Foundation

vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-402/05 P u C-415/05 P, Ġabra p. I-6351), iktar 'il quddiem is-"sentenza Kadi tal-Qorti tal-Ġustizzja"), mogħtija f'appell mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Settembru 2005, Kadi vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (T-315/01, Ġabra p. II-3649, iktar 'il quddiem is-"sentenza Kadi tal-Qorti Ġenerali"), li ddeċidiet fuq ir-rikors għal annullament ippreżentat mir-rikorrenti, Yassin Abdullah Kadi, kontra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002, tas-27 ta' Mejju 2002, li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-network ta' Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001 li jipprojbixxi l-esportazzjoni ta' ċerti merkanzija u servizzi lejn l-Afganistan, waqt li jsaħħaħ il-projbizzjoni ta' titjiriet u jestendi l-friża fuq fondi u riżorsi finanzjarji oħra rigward it-Taliban tal-Afganistan (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 18, Vol. 1, p. 294), sa fejn dan l-att kien jikkonċernah.

2 Għall-finijiet ta' din is-sentenza, il-kuntest ġuridiku u l-fatti li wasslu għall-kawża jistgħu jitqassru kif ġej.

*Il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u t-Trattat KE*

3 Il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti ġiet iffirmata f'San Francisco (l-Istati Uniti) fis-26 ta' Ġunju 1945, lejn l-aħħar tat-tieni gwerra dinjija. Il-preambolu tagħha jafferma r-riżoluzzjoni tal-popli tan-Nazzjonijiet Uniti li jipproteġu lil ġenerazzjonijiet futuri mill-pjaga tal-gwerra, li jiddikjaraw it-twemmin tagħhom fid-drittijiet fundamentali tal-bniedem u li joħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa għaż-żamma tal-ġustizzja u għall-osservanza tal-obbligi li jirriżultaw mit-Trattati u minn sorsi oħra tad-dritt internazzjonali. Skont l-Artikolu 1 tagħha, in-Nazzjonijiet Uniti għandhom l-għan b'mod partikolari li jżommu l-paċi u s-sigurtà internazzjonali u għal dan l-iskop li jieħdu miżuri kollettivi effikaċi bil-ħsieb li jipprevjenu u li jevitaw it-theddid għall-paċi, iżda wkoll li jiżviluppaw u jinkoraġġixxu r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali.

4 Skont l-Artikolu 24(1) tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (iktar 'il quddiem il-"Kunsill tas-Sigurtà") jingħata r-responsabbiltà primarja għaż-żamma tal-paċi u s-sigurtà internazzjonali. Skont l-Artikolu 25 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Membri tal-organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti (ONU) jintrabtu li jaċċettaw u jwettqu d-deċiżjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà skont din il-Karta.

5 Il-Kapitolu VII tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti jiddefinixxi l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu fil-każ ta' theddid għall-paċi, ksur tal-paċi u atti ta' aggressjoni. L-Artikolu 39, li jintroduċi dan il-kapitolu, jiddikjara li l-Kunsill tas-Sigurtà għandu jiddeċiedi jekk teżistix xi theddida bħal din u għandu jagħmel rakkomandazzjonijiet jew jiddeċiedi liema miżuri għandhom jittieħdu skont l-Artikoli 41 u 42, biex iħares jew jerġa' jġib il-paċi u s-sigurtà internazzjonali. Skont l-Artikolu 41 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Kunsill tas-Sigurtà jista' jiddeċiedi liema miżuri li ma jinvolvux l-użu tal-forza għandhom jiġu użati biex jitwettqu d-deċiżjonijiet tiegħu u jista' jitlob lill-membri tan-Nazzjonijiet Uniti biex japplikaw dawn il-miżuri.

6 Skont l-Artikolu 48(2) tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, id-deċiżjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà għaż-żamma tal-paċi u tas-sigurtà internazzjonali għandhom jiġu eżegwiti mill-Membri tan-Nazzjonijiet Uniti direttament u permezz tal-azzjoni tagħhom fl-aġenziji internazzjonali adatti li tagħhom ikunu membri.

7 Skont l-Artikolu 103 tal-istess Karta, fil-każ ta' kunflitt bejn l-obbligi tal-Membri tan-Nazzjonijiet Uniti skont il-Karta u l-obbligi tagħhom skont xi ftehim internazzjonali ieħor, għandhom jipprevalu l-obbligi tagħhom skont din il-Karta.

8 Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 307 KE (li sar, wara emendi, l-Artikolu 351 TFUE), "id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn ftehim konklużi qabel l-1 ta' Jannar 1958 jew, għal Stati li jingħaqdu, id-data tal-adeżjoni, bejn Stat Membru

wieħed jew iktar u Stat mhux membru wieħed jew iktar, m'għandhomx jintlaqtu mid-dispożizzjonijiet ta' dan it-Trattat".

9 Skont l-Artikolu 297 KE (li sar, wara emendi, l-Artikolu 347 TFUE), "l-Istati Membri għandhom jikkonsultaw lil xulxin bil-għan li jieħdu flimkien il-miżuri meħtieġa biex jipprevjenu li l-funzjonament tas-suq komuni jiġi milqut minn miżuri li Stat Membru jista' jkollu jieħu [...] sabiex jesegwixxi obbligi li jkun assuma bil-għan li jżomm il-paċi u s-sigurtà internazzjonali".

*Azzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà kontra t-terroriżmu internazzjonali*

10 Sa mill-aħħar tas-snin disgħin, u iktar wara l-attentati tal-11 ta' Settembru 2001 fi New York, f'Washington u f'Pennsylvania (l-Istati Uniti), il-Kunsill tas-Sigurtà għamel użu mis-setgħat tiegħu skont il-Kapitolu VII tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, bil-għan li jiġġieled b'kull mod possibbli, fil-limiti tal-osservanza tal-imsemmija Karta u tad-dritt internazzjonali, it-theddid tal-atti terroristiċi kontra l-paċi u s-sigurtà internazzjonali.

11 Għalhekk, fil-15 ta' Ottubru 1999, il-Kunsill tas-Sigurtà adotta, b'risposta għall-attentati kontra l-ambaxxati Amerikani ta' Nairobi (il-Kenja) u ta' Dar Es Salaam (it-Tanzanija), ir-riżoluzzjoni 1267 (1999), li fil-paragrafu 4(b) tagħha tippreskrivi lill-Istati kollha, b'mod partikolari, li jiffriżaw fondi u riżorsi finanzjarji oħra tat-Taliban tal-Afganistan, minħabba l-appoġġ tagħhom lejn Usama bin Laden.

12 Fil-paragrafu 6 tal-istess riżoluzzjoni, il-Kunsill tas-Sigurtà ddeċieda li jistabbilixxi Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà (iktar 'il quddiem il-"Kumitat tas-Sanzjonijiet", hekk ukoll imsejjaħ il-"Kumitat 1267"), kompost mill-membri tiegħu kollha, inkarigat, b'mod partikolari, li jiżgura l-implementazzjoni, mill-Istati, tal-miżuri imposti mill-paragrafu 4 ta' din ir-riżoluzzjoni.

13 Ir-riżoluzzjoni 1333 (2000) tal-Kunsill tas-Sigurtà, tad-19 ta' Diċembru 2000, estendiet u saħħet din is-sistema ta' miżuri restrittivi inizjalment intiżi biss kontra t-Taliban. Għaldaqstant, il-paragrafu 8(c) tagħha jiddisponi li l-Istati kollha għandhom, b'mod partikolari, jiffriżaw mingħajr dewmien il-fondi u assi finanzjarji oħra ta' Usama bin Laden u ta' individwi u entitajiet li huma assoċjati miegħu kif identifikati mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet, u li jiżguraw li l-ebda fondi jew riżorsi finanzjarji ma jitqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' jew jiġu użati favur Usama bin Laden jew dawk assoċjati miegħu, inkluża l-organizzazzjoni Al-Qaida.

14 Ir-riżoluzzjoni 1333 (2000) ġiet segwita minn serje ta' riżoluzzjonijiet oħra tal-Kunsill tas-Sigurtà li mmodifikaw, saħħew u aġġornaw is-sistema ta' miżuri restrittivi fil-konfront ta' Usama bin Laden, l-organizzazzjoni Al-Qaida, it-Taliban u l-persuni, il-gruppi, l-impriżi u l-entitajiet assoċjati magħhom. Dawn huma, b'mod partikolari, ir-riżoluzzjonijiet 1390 (2002) tas-16 ta' Jannar 2002, 1455 (2003) tas-17 ta' Jannar 2003, 1526 (2004) tat-30 ta' Jannar 2004, 1617 (2005) tad-29 ta' Lulju 2005, 1735 (2006) tat-22 ta' Diċembru 2006, 1822 (2008) tat-30 ta' Ġunju 2008 u 1904 (2009) tas-17 ta' Diċembru 2009. Dawn ir-riżoluzzjonijiet kollha, li ġew adottati bis-saħħa tal-Kapitolu VII tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, jimponu b'mod partikolari l-obbligu fuq l-Istati Membri tal-ONU li jiffriżaw fondi u riżorsi ekonomiċi oħra ta' kull persuna jew entità assoċjata ma' Usama bin Laden, ma' Al-Qaida jew mat-Taliban, kif identifikati mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet.

15 Minbarra s-sorveljanza tal-eżekuzzjoni ta' dawn il-miżuri restrittivi mill-Istati, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet iżomm lista rikapitulattiva aġġornata (iktar 'il quddiem il-"lista tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet") ta' persuni u ta' entitajiet li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi l-oħra tagħhom għandhom jiġu ffriżati skont ir-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà ċċitati iktar 'il fuq. L-Istati jistgħu jitolbu lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet

sabiex iżid ismijiet f'din il-lista. Il-Kumitat tas-Sanzjonijiet jeżamina bl-istess mod it-talbiet għat-tneħħija ta' ismijiet mill-imsemmija lista kif ukoll it-talbiet għal deroga mill-iffriżar ta' assi mressqa skont ir-riżoluzzjoni 1452 (2002) tal-Kunsill tas-Sigurtà. Il-proċeduri għall-implementazzjoni tal-imsemmija għanijiet huma attwalment definiti, minn naħa, fir-riżoluzzjonijiet 1735 (2006), 1822 (2008) u 1904 (2009) u, min-naħa l-oħra, fid-direttivi li jirregolaw l-iżvolġiment tax-xogħlijiet tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet, elaborati minnu stess.

16 Skont il-paragrafu 5 tar-riżoluzzjoni 1735 (2006), l-Istati għandhom, meta jipproponu lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet li jniżżel ismijiet fil-lista tiegħu, jagħti spjegazzjoni tar-raġunijiet, filwaqt li r-rapport relattiv għandu jinkludi spjegazzjoni kemm jista' jkun dettaljata tar-raġunijiet tat-talba għall-inklużjoni, li tinkludi: i) l-elementi kollha li jistabbilixxu b'mod ċar li l-individwu jew l-entità tissodisfa l-kriterji previsti; ii) in-natura tal-elementi ta' informazzjoni; u iii) l-elementi kollha ta' informazzjoni jew dokumenti li jiġġustifikaw li jistgħu jingħataw. Skont il-paragrafu 6 ta' din l-istess riżoluzzjoni, l-Istati, meta jressqu talba għall-inklużjoni, huma mitluba jippreċiżaw l-elementi tar-rapport li jistgħu jiġu żvelati għall-finijiet ta' notifika lill-individwu jew entità li isimhom ikun tpoġġa fuq il-lista tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet, u dawk li jistgħu jiġu żvelati lill-Istati li jitolbu aċċess għalihom.

17 Fil-kuntest tal-impenn sabiex jiżgura li jkunu fis-seħħ proċeduri ekwi u ċari għall-inklużjoni ta' individwi u ta' entitajiet fil-lista tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet u għat-tneħħija tagħhom minn din il-lista, kif ukoll għall-għoti ta' eżenzjonijiet minħabba raġunijiet umanitarji, il-Kunsill tas-Sigurtà adotta wkoll, fid-19 ta' Diċembru 2006, ir-riżoluzzjoni 1730 (2006), li permezz tagħha talab lis-segretarjat ġenerali tal-ONU jistabbilixxi, fid-dipartiment tas-segretarjat tal-korpi sussidjarji tal-Kunsill tas-Sigurtà, punt ċentrali għat-talbiet ta' tneħħija u sabiex jaqdi d-dmirijiet deskritti fl-anness tal-imsemmija riżoluzzjoni (iktar 'il quddiem "il-punt ċentrali"). Dawk li jkunu jixtiequ jressqu talba għat-tneħħija jistgħu issa jagħmluha permezz tal-punt ċentrali, skont il-proċedura deskritta fir-riżoluzzjoni 1730 (2006) u l-anness tagħha,

jew permezz tal-Istat ta' residenza jew ta' nazzjonalità tagħhom. Permezz ta' ittra (S/2007/178) tat-30 ta' Marzu 2007, is-segretarjat ġenerali tal-ONU informa lill-President tal-Kunsill tas-Sigurtà li l-punt ċentrali għat-talbiet ta' tneħħija ġie stabbilit.

18 Fil-preambolu tar-riżoluzzjoni 1822 (2008), li kienet ir-riżoluzzjoni rilevanti fid-data tal-adozzjoni tal-att ikkontestat permezz ta' dan ir-rikors, il-Kunsill tas-Sigurtà jafferma mill-ġdid li t-terroriżmu, fi kwalunkwe forma u manifestazzjoni, jikkostitwixxi waħda mit-theddidiet l-iktar serji kontra l-paċi u s-sigurtà, jiddikjara mill-ġdid li huwa jikkundanna lin-netwerk Al-Qaida, Usama bin Laden, it-Taliban u l-persuni l-oħra, il-gruppi, l-impriżi u l-entitajiet assoċjati magħhom, jinsisti dwar il-fatt li t-terroriżmu ma jistax jingħeleb ħlief permezz tal-adozzjoni ta' approċċ kontrollat u globali, imsejjes fuq il-parteċipazzjoni u l-kollaborazzjoni attiva tal-kollettività tal-Istati u ta' korpi internazzjonali u reġjonali, jenfasizza l-ħtieġa ta' implementazzjoni rigoruża tal-miżuri restrittivi previsti fil-paragrafu 1 ta' din ir-riżoluzzjoni, iżda jieħu inkunsiderazzjoni wkoll id-diffikultajiet li tiffaċċja l-implementazzjoni ta' dawn il-miżuri billi jirrikonoxxi l-isforzi magħmula mill-Istati u mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet bil-għan li jiżguraw li l-proċeduri ekwi u ċari jkunu fis-seħħ għall-inklużjoni ta' dawk ikkonċernati fil-lista tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet u għat-tneħħija tagħhom minn din il-lista u jilqa' l-istabbiliment tal-punt ċentrali. Dak l-istess preambolu jafferma mill-ġdid li l-miżuri inkwistjoni huma ta' natura preventiva u huma indipendenti minn liġijiet kriminali tad-dritt intern.

19 Il-paragrafu 1 tar-riżoluzzjoni 1822 (2008) jipprevedi ż-żamma ta' miżuri restrittivi li jirriżultaw diġà mir-riżoluzzjonijiet preċedenti 1267 (1999), 1333 (2000) u 1390 (2002). Fil-paragrafu 8 ta' din ir-riżoluzzjoni huwa affermat mill-ġdid l-obbligu impost fuq l-Istati kollha sabiex jimplementaw u josservaw il-miżuri previsti fil-paragrafu 1, u l-Istati kollha huma mitluba jirduppjaw l-isforzi tagħhom f'dan is-sens. Il-paragrafi 9 sa 18, 19 sa 23 u 24 sa 26 ta' din l-istess riżoluzzjoni jikkonċernaw, rispettivament, il-proċeduri ta' inklużjoni fil-lista tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet, ta' tneħħija minn din il-lista u ta' reviżjoni u ta' aġġornament tal-lista.

20 Fir-rigward tal-proċedura ta' inklużjoni, il-Kunsill ta' Sigurtà, fil-paragrafu 12 tar-Riżoluzzjoni 1822 (2008), jafferma mill-ġdid li l-Istati, meta jipproponu lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet li jiġu inklużi ismijiet fil-lista, jikkonformaw mal-paragrafu 5 tar-riżoluzzjoni 1735 (2006) u jagħtu spjegazzjoni dettaljata tar-raġunijiet, u jiddeċiedi barra minn dan li l-Istati għandhom, għal kull talba ta' inklużjoni, jippreċiżaw l-elementi tar-rapport rilevanti li jistgħu jiġu żvelati, b'mod partikolari sabiex il-Kumitat tas-Sanzjonijiet ikun jista' jelabora s-sunt li tiegħu hemm deskrizzjoni fil-paragrafu 13 jew sabiex tiġi avżata jew informata l-persuna jew l-entità li isimha jkun tniżżel fil-lista. Il-paragrafu 13 ta' din l-istess riżoluzzjoni jipprevedi, b'mod partikolari, minn naħa waħda, li l-Kumitat tas-Sanzjonijiet, meta jżid isem fuq il-lista, jippubblika fis-sit elettroniku tiegħu, b'koordinazzjoni mal-Istati li jkunu għamlu t-talba ta' inklużjoni rilevanti, "sunt tar-raġunijiet għall-inklużjoni", u, min-naħa l-oħra, li dan il-Kumitat ifittex li jippubblika fuq is-sit elettroniku tiegħu, b'koordinazzjoni mal-Istati li jkunu għamlu t-talbiet ta' inklużjoni rilevanti, "taqsiriet tar-raġunijiet li wasslu għall-inklużjoni" ta' ismijiet fl-imsemmija lista, qabel l-adozzjoni ta' din l-istess riżoluzzjoni. Fil-paragrafu 17 tal-istess riżoluzzjoni, huwa mitlub li l-Istati kkonċernati jieħdu l-miżuri kollha possibbli, skont il-liġijiet u l-prassi interna tagħhom, sabiex javżaw jew jinformaw fi żmien propizju l-persuna jew entità kkonċernata dwar l-inklużjoni ta' isimha fil-lista tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet, u sabiex jehmżu ma' dan l-avviż kopja tal-parti tar-rapport li tista' tiġi żvelata, tal-informazzjoni dwar ir-raġunijiet għall-inklużjoni li jidhru fuq is-sit elettroniku tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet, deskrizzjoni tal-effetti tal-inklużjoni kif jirriżultaw mir-riżoluzzjonijiet rilevanti, il-modalitajiet ta' eżami mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet ta' talbiet għat-tneħħija mil-lista tiegħu u l-possibbiltajiet ta' derogi.

21 Fir-rigward tal-proċedura ta' tneħħija, huwa mfakkar, fil-paragrafu 19 tar-riżoluzzjoni 1822 (2008), li l-persuni, il-gruppi, l-impriżi u l-entitajiet imniżżla fil-lista tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet jistgħu jressqu talba ta' tneħħija direttament lill-punt ċentrali. Skont il-paragrafu 21 ta' din ir-riżoluzzjoni, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet għandu l-obbligu li jeżamina, skont id-direttivi tiegħu, it-talbiet għat-tneħħija mil-lista tiegħu l-isem ta' membri ta' Al-Qaida jew tat-Taliban jew ta' dawk assoċjati ma' Al-Qaida, ma' Usama bin Laden jew mat-Taliban li ma jkunux għadhom jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fir-riżoluzzjonijiet rilevanti.

22 Il-preambolu tar-riżoluzzjoni 1904 (2009) jenfasizza li s-sanzjonijiet huma strument importanti previsti mill-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti għaż-żamma u l-istabbiliment mill-ġdid tal-paċi u s-sigurtà internazzjonali, kif ukoll il-ħtieġa ta' implementazzjoni rigoruża tal-miżuri previsti fil-paragrafu 1 ta' din ir-riżoluzzjoni. Huwa ppreċiżat li l-Kunsill tas-Sanzjonijiet jieħu inkunsiderazzjoni d-diffikultajiet ta' natura legali u oħrajn li taffaċċja l-implementazzjoni ta' miżuri meħuda mill-Istati skont l-imsemmi paragrafu 1, jilqa' b'sodisfazzjon it-titjib li sar fir-rigward tal-proċeduri tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet u jesprimi l-intenzjoni li jkompli jaħdem sabiex dawn il-proċeduri jsiru ekwi u trasparenti.

23 Il-paragrafu 1 tar-riżoluzzjoni 1904 (2009) jipprevedi ż-żamma ta' miżuri restrittivi li jirriżultaw diġà mir-riżoluzzjonijiet preċedenti 1267 (1999), 1333 (2000) u 1390 (2002). Il-paragrafi 8 sa 19, 20 sa 27 u 28 sa 32 ta' din ir-riżoluzzjoni jikkonċernaw, rispettivament, il-proċeduri ta' inklużjoni fil-lista tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet, ta' tneħħija minn din il-lista u ta' reviżjoni u ta' aġġornament tagħha.

24 Fir-rigward tal-proċedura ta' inklużjoni, il-Kunsill tas-Sigurtà, fil-paragrafu 11 tar-riżoluzzjoni 1904 (2009), jafferma mill-ġdid li l-Istati għandhom, meta jipproponu lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet li jiġu inklużi ismijiet fil-lista, jikkonformaw mal-paragrafu 5 tar-riżoluzzjoni 1735 (2006) u mal-paragrafu 12 tar-riżoluzzjoni 1822 (2008) u jagħtu spjegazzjoni dettaljata tar-raġunijiet, u jiddeċiedi li l-ispjegazzjoni tar-raġunijiet tista' tiġi żvelata, fuq talba, ħlief dawk l-elementi li l-Istat membru jkun indika bħala kunfidenzjali, u tista' tintuża fit-twaqqif tas-sunt tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista li tagħha hemm deskrizzjoni fil-paragrafu 14.

25 Fir-rigward tal-proċedura ta' tneħħija, hekk kif inhu ppreċiżat fil-paragrafu 20 tar-riżoluzzjoni 1904 (2009), il-Kunsill tas-Sigurtà jiddeċiedi li, meta jeżamina t-talbiet

ta' tneħħija mil-lista tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet, huwa jkun assistit minn "uffiċċju tal-ombudsman", li jiġi stabbilit għal perijodu inizjali ta' 18-il xahar li jibda jiddekorri mid-data tal-adozzjoni ta' din ir-riżoluzzjoni, jitlob lis-segretarju ġenerali tal-ONU, b'konsultazzjoni mill-qrib mal-Kumitat tas-Sanzjonijiet, sabiex jaħtar persuna eminenti ta' stima morali għolja, magħrufa għall-imparzjalità tagħha u l-integrità tagħha u li għandha l-kwalifiki għolja u l-esperjenza neċessarja fl-oqsma rilevanti (dritt, drittijiet tal-bniedem, ġlied kontra t-terroriżmu, sanzjonijiet, eċċ.) sabiex jaqdi l-funzjonijiet ta' ombudsman, li l-mandat tiegħu huwa definit fl-Anness II tar-riżoluzzjoni msemmija, u jiddeċiedi wkoll li l-ombudsman jaqdi l-funzjonijiet tiegħu b'indipendenza u b'imparzjalità sħiħa u ma jitlob u lanqas jirċievi istruzzjonijiet minn ebda Gvern. Kif inhu indikat fil-paragrafu 21 tar-riżoluzzjoni msemmija, il-Kunsill tas-Sigurtà jiddeċiedi li, wara l-ħatra tal-ombudsman, l-uffiċċju tal-ombudsman jibda jirċievi t-talbiet ta' persuni u entitajiet li jkunu jixtiequ li jitneħħew mil-lista tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet, skont il-modalitajiet definiti fl-Anness II ta' din ir-riżoluzzjoni, u li wara l-ħatra tal-ombudsman, il-mekkaniżmu tal-punt ċentrali ma jirċevix iktar dawn it-talbiet. Il-paragrafu 22 ta' din l-istess riżoluzzjoni jipprevedi li l-Kumitat tas-Sanzjonijiet huwa obbligat ikompli jeżamina, skont id-direttivi tiegħu, it-talbiet ta' tneħħija. Fil-paragrafu 25 tar-riżoluzzjoni msemmija, il-Kunsill tas-Sigurtà jinkoraġġixxi lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet sabiex meta jeżamina t-talbiet ta' tneħħija, jieħu inkunsiderazzjoni l-parir tal-Istat tal-oriġini tal-inklużjonijiet u tal-Istati ta' residenza, ta' nazzjonalità jew ta' kostituzzjoni u jitlob lill-membri tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet jagħmlu dak kollu possibbli sabiex jimmotivaw kull oġġezzjoni għall-imsemmija talbiet ta' tneħħija.

26 L-Anness II tar-riżoluzzjoni 1904 (2009) jiddefinixxi l-kompiti li l-ombudsman huwa awtorizzat li jaqdi, skont il-paragrafu 20 ta' din ir-riżoluzzjoni, meta jirċievi talba ta' tneħħija. Dawn jinqasmu fil-fażi tal-ġbir ta' informazzjoni mill-Istati kkonċernati u l-fażi ta' konsultazzjoni, li matulha jista' jsir djalogu mar-rikorrenti. Wara dawn iż-żewġ fażijiet, l-ombudsman jistabbilixxi u jikkomunika "rapport komprensiv" lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet. Dan tal-aħħar jeżamina t-talba ta' tneħħija, bl-għajnuna tal-ombudsman, u jiddeċiedi, wara dan l-eżami, jekk japprovax it-talba ta' tneħħija.

27 Fis-7 ta' Ġunju 2010, il-kelliem tas-segretarju ġenerali tal-ONU ħabbar il-ħatra ta' Kimberly Prost, imħallef Kanadiż *ad litem* fit-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li kienet il-Jugoslavja, bħala ombudsman.

28 Peress li l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea mlaqqgħin fil-Kunsill ikkunsidraw, f'diversi pożizzjonijiet komuni adottati taħt il-politika barranija u ta' sigurtà komuni (PESK), li hija meħtieġa azzjoni tal-Komunità Ewropea bil-għan li jiġu implementati r-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà ċċitati iktar 'il fuq, il-Kunsill suċċessivament adotta, b'mod partikolari, ir-Regolament (KE) Nru 337/2000, tal-14 ta' Frar 2000, dwar il-projbizzjoni ta' titjiriet u l-iffriżar ta' fondi u riżorsi finanzjarji oħra fil-konfront tat-Taliban tal-Afganistan (ĠU L 43, p. 1), ir-Regolament (KE) Nru 467/2001, tas-6 ta' Marzu 2001, li jipprojbixxi l-esportazzjoni ta' ċerti merkanziji u ċerti titjiriet lejn l-Afganistan, li jsaħħaħ il-projbizzjoni ta' titjiriet u li jestendi l-iffriżar ta' fondi u riżorsi finanzjarji fil-konfornt tat-Taliban tal-Afganistan, u li jħassar ir-Regolament Nru 337/2000 (ĠU L 67, p. 1), u r-Regolament Nru 881/2002.

29 Dawn l-aħħar żewġ regolamenti jimponu, b'mod partikolari, l-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi oħra ta' persuni, gruppi u entitajiet indikati mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet u identifikati fl-Anness I tagħhom. Il-Kummissjoni Ewropea għandha s-setgħa temenda jew tkompli l-imsemmi Anness I fuq il-bażi ta' deċiżjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà jew tal-Kumitat tas-Sanzjonijet. Il-proċedura għal dan l-iskop ġiet riveduta, wara s-sentenza Kadi tal-Qorti tal-Ġustizzja, permezz tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1286/2009 tat-22 ta' Diċembru 2009, li emenda r-Regolament Nru 881/2002 (JO L 346, p. 42).

30 Fis-17 ta' Ottubru 2001, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet ippubblika *addendum* għal-lista tiegħu, li jinkludi b'mod partikolari l-isem tar-rikorrent, identifikat bħala persuna assoċjata ma' Usama bin Laden.

31 Permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2062/2001 tad-19 ta' Ottubru 2001, li jemenda, għat-tielet darba, ir-Regolament Nru 467/2001 (ĠU L 277, p. 25), l-isem tar-rikorrenti ġie miżjud, flimkien ma' dawk ta' oħrajn, fl-Anness I tar-regolament imsemmi. L-isem tar-rikorrenti sussegwentement ġie inkluż fl-Anness I tar-Regolament Nru 881/2002, meta dan ġie adottat.

32 B'mod parallel mas-sistema ta' sanzjonijiet deskritta iktar 'il fuq, li tittratta biss il-persuni u entitajiet indikati mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet li huma marbuta ma' Usama bin Laden, l-organizzazzjoni Al-Qaida u t-Taliban, teżisti sistema ta' sanzjonijiet iktar wiesgħa prevista mir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà 1373 (2001) tat-28 ta' Settembru 2001, li tistabbilixxi strateġiji għall-ġlieda b'kull mezz kontra t-terroriżmu u, b'mod partikolari, kontra l-finanzjament tiegħu, li wkoll ġiet adottata b'risposta għall-attentati terroristiċi tal-11 ta' Settembru 2001.

33 Il-paragrafu 1(c) ta' din ir-riżoluzzjoni jiddikjara, b'mod partikolari, li l-Istati kollha għandhom jiffriżaw mingħajr dewmien fondi u assi finanzjarji oħra ta' persuni li jwettqu, jew jippruvaw iwettqu atti ta' terroriżmu, jiffaċilitawhom jew jipparteċipaw fihom, ta' entitajiet li jappartjenu lil dawn il-persuni jew li huma kkontrollati minnhom, u ta' persuni u ta' entitajiet li jaġixxu għan-nom jew fuq l-istruzzjonijiet ta' dawn il-persuni. L-identifikazzjoni ta' dawn il-persuni jew entitajiet titħalla fid-diskrezzjoni sħiħa tal-Istati.

34 Billi qies li hija meħtieġa azzjoni tal-Komunità bil-għan li tiġi implementata din ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà, il-Kunsill, b'mod partikolari, adotta, minn naħa waħda, il-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK, tas-27 ta' Diċembru 2001 dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiki fil-ġlieda kontra t-terroriżmu (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 18, Vol. 1, p. 217), u, min-naħa l-oħra, ir-Regolament (KE) Nru 2580/2001, tas-27 ta' Diċembru 2001, dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 18, Vol. 1, p. 207).

35 Dawn l-atti jippreskrivu, b'mod partikolari, l-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi oħra ta' persuni, gruppi u ta' entitajiet implikati f'atti ta' terroriżmu, kif identifikati mill-Kunsill innifsu u inkorporati f'lista annessa, riveduta regolarment, abbażi ta' informazzjoni preċiża jew ta' elementi fil-proċess li juru li ttieħdet deċiżjoni minn awtorità kompetenti, bħala prinċipju waħda li hija ġudizzjarja, fil-konfront ta' persuni, ta' gruppi u ta' entitajiet ikkonċernati, kemm fil-kuntest tal-bidu ta' investigazzjoni jew ta' prosekuzzjoni għal att terroristiku, jew l-attentat li jitwettaq, jew il-parteċipazzjoni fi, jew il-faċilitazzjoni ta' att bħal dan, ibbażata fuq provi jew indizji serji u kredibbli, kif ukoll fil-kuntest ta' kundanna għal tali fatti.

36 Skont is-sentenza tal-United Kingdom Supreme Court (Qorti Suprema tar-Renju Unit) tas-27 ta' Jannar 2010, Her Majesty's Treasury (Respondent) v Mohammed Jabar Ahmed and Others (Appellants), Her Majesty's Treasury (Respondent) v Mohammed al-Ghabra (Appellant) and R (on the application of Hani El Sayed Sabaei Youssef) (Respondent) v Her Majesty's Treasury (Appellant) [2010] UKSC 2 (iktar 'il quddiem is-"sentenza Ahmed *et* tal-UK Supreme Court", punt 22), jirriżulta minn rapporti ta' Stati Membri tal-Unjoni fil-Kumitat tas-Sanzjonijiet li 11 minn 27 Stat Membru jiddependu esklużivament fuq ir-Regolament Nru 881/2002 sabiex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont ir-riżoluzzjoni 1333 (2000). Is-16-il Stat Membru l-ieħor madankollu adottaw miżuri leġiżlattivi li jipprevedu direttament l-implementazzjoni tal-imsemmija riżoluzzjoni fid-dritt nazzjonali, li għaldaqstant jeżistu flimkien mar-Regolament Nru 881/2002.

**Is-sentenzi Kadi tal-Qorti Ġenerali u tal-Qorti tal-Ġustizzja**

37 Fit-18 ta' Diċembru 2001, ir-rikorrent ippreżenta quddiem il-Qorti Ġenerali rikors għal annullament tar-Regolamenti Nru 467/2001 u Nru 2062/2001, sa fejn dawn l-atti jikkonċernawh, għal motivi, b'mod partikolari, li dawn jiksru d-dritt tiegħu għal smigħ kif ukoll id-dritt tiegħu għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva u li dawn jikkostitwixxu

preġudizzju sproporzjonat għad-dritt tiegħu għall-proprjetà. Is-suġġett ta' dan ir-rikors ġie mmodifikat ulterjorment b'tali mod li ġie jipprevedi l-annullament tar-Regolament Nru 881/2002, sa fejn dan jikkonċerna lir-rikorrent.

38 Permezz tas-sentenza tagħha Kadi, mogħtija fil-21 ta' Settembru 2005, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors. Il-Qorti Ġenerali essenzjalment iddeċidiet li mill-prinċipji li jirregolaw il-konnessjoni ta' rabtiet bejn is-sistema legali internazzjonali stabbilita min-Nazzjonijiet Uniti u s-sistema legali Komunitarja jirriżulta li r-Regolament Nru 881/2002, peress li għandu l-għan li jimplementa riżoluzzjoni adottata mill-Kunsill tas-Sigurtà taħt il-Kapitolu VII tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, li ma tippermetti ebda flessibbiltà f'dan ir-rigward, ma jistax ikun is-suġġett ta' stħarriġ ġudizzjarju fir-rigward tal-legalità interna tiegħu ħlief għal dak li jirrigwarda l-kompatibbiltà tiegħu mar-regoli rilevanti tal-*jus cogens*, u għaldaqstant jibbenefika, bla ħsara għal din ir-riżerva, minn immunità ġudizzjarja (ara wkoll is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-3 ta' Diċembru 2009 Hassan u Ayadi vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, C-399/06 P u C-403/06 P, Ġabra p. I-11393, iktar 'il quddiem is-"sentenza Hassan tal-Qorti tal-Ġustizzja", punt 69).

39 B'hekk, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li huwa fir-rigward tal-*jus cogens* biss, intiż bħala kwistjoni ta' ordni pubbliku internazzjonali li torbot lis-suġġetti kollha tad-dritt internazzjonali, inklużi l-istanzi tal-ONU, u li ma tistax issir deroga minnha, li l-legalità tar-Regolament Nru 881/2002 tista' tiġi eżaminata, inklużi fosthom il-motivi tar-rikorrent bbażati fuq il-ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu (ara wkoll is-sentenza Hassan tal-Qorti tal-Ġustizzja, punt 70).

40 Permezz tas-sentenza tagħha Kadi, mogħtija fit-3 ta' Settembru 2008, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat is-sentenza Kadi tal-Qorti Ġenerali u annullat ir-Regolament Nru 881/2002, sa fejn dan kien jirrigwarda lill-appellant.

41 Minkejja l-Artikoli 25 u 103 tal-Karta tan-Nazzjonijet Uniti u l-Artikoli 297 KE u 307 KE, u għalkemm ikkunsidrat, fil-punt 293 tas-sentenza tagħha Kadi, li l-osservanza tal-impenji meħuda fil-kuntest tan-Nazzjonijiet Uniti hija imposta fl-implementazzjoni mill-Komunità ta' riżoluzzjonijiet adottati mill-Kunsill tas-Sigurtà taħt il-Kapitolu VII tal-Karta msemmija, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat, fil-punt 316 tal-istess sentenza, li l-istħarriġ, mill-Qorti tal-Ġustizzja, tal-validità ta' kull att Komunitarju fid-dawl tad-drittijiet fundamentali għandu jiġi kkunsidrat bħala l-espressjoni, f'Komunità tad-dritt, ta' garanzija kostituzzjonali li tirriżulta mit-Trattat KE bħala sistema legali awtonoma li ma tistax tiġi ppreġudikata minn ftehim internazzjonali — f'dan il-każ mill-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti nnifisha.

42 Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll, fil-punti 326 u 327 tas-sentenza tagħha Kadi, li t-teżi tal-Qorti Ġenerali miġbura fil-qosor fil-punti 38 u 39 iktar 'il fuq tikkostitwixxi żball ta' liġi. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-fatt, il-qrati Komunitarji għandhom, skont il-ġurisdizzjoni li huma għandhom bis-saħħa tat-Trattat KE, jiggarantixxu stħarriġ, bħala regola ġenerali sħiħ, tal-legalità tal-atti Komunitarji kollha fid-dawl tad-drittijiet fundamentali li jifformaw parti integrali mill-prinċipji ġenerali tad-dritt Komunitarju, inklużi l-atti Komunitarji li, bħar-Regolament Nru 881/2002, huma intiżi li jimplementaw riżoluzzjonijiet adottati mill-Kunsill tas-Sigurtà taħt il-Kapitolu VII tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti (ara wkoll is-sentenza Hassan tal-Qorti tal-Ġustizzja, punt 71).

43 Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet, fil-punt 328 tas-sentenza tagħha Kadi, li l-aggravji tal-appellant fuq dan il-punt huma fondati, b'mod illi hemm lok li tiġi annullata s-sentenza Kadi tal-Qorti Ġenerali f'dan ir-rigward.

44 Fil-punt 348 tas-sentenza tagħha Kadi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li, peress li l-Kunsill la kkomunika lill-appellant l-elementi meqjusa kontrih sabiex jiġġustifika l-miżuri restrittivi li kienu ġew imposti fuqu, u lanqas tatu d-dritt li jsir jaf bl-imsemmija elementi f'terminu raġonevoli wara l-pubblikazzjoni ta' dawn il-miżuri, l-appellant ma kellux l-opportunità li jagħti effettivament l-opinjoni tiegħu f'dan

ir-rigward. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet f'dan il-punt li d-drittijiet tad-difiża tal-appellant, b'mod partikolari dak li jinstema', ma ġewx irrispettati.

45 Barra minn dan, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-punt 349 tas-sentenza tagħha Kadi, li minħabba li ma ġiex informat bl-elementi meqjusa kontrih u fid-dawl tar-relazzjonijiet, diġà msemmija fil-punti 336 u 337 tal-imsemmija sentenza, eżistenti bejn id-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv, l-appellant lanqas ma seta' jiddefendi d-drittijiet tiegħu fir-rigward tal-imsemmija elementi f'kundizzjonijiet sodisfaċenti quddiem il-qorti Komunitarja, b'tali mod li għandu wkoll jiġi kkonstatat ksur tal-imsemmi dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv.

46 Fir-rigward, fl-aħħar, tal-ilmenti tal-appellant dwar il-ksur tad-dritt għall-proprjetà li jirriżulta mill-miżuri ta' ffriżar imposti skont ir-Regolament Nru 881/2002, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-punt 366 tas-sentenza tagħha Kadi, li l-miżuri restrittivi li jimponi dan ir-Regolament jikkostitwixxu restrizzjonijiet għad-dritt għall-proprjetà li, bħala regola ġenerali, jistgħu jkunu ġġustifikati (ara wkoll is-sentenza Hassan tal-Qorti tal-Ġustizzja, punt 91).

47 Il-Qorti tal-Ġustizzja madankollu kkonkludiet, fil-punti 369 u 370 ta' din l-istess sentenza, li fiċ-ċirkustanzi tal-każ, fejn ir-Regolament Nru 881/2002, inkwantu jikkonċerna lill-appellant, ġie adottat mingħajr ma pprovda lil dan tal-aħħar ebda garanzija li tippermettilu jressaq il-każ tiegħu quddiem l-awtoritajiet kompetenti, u dan f'sitwazzjoni li fiha r-restrizzjoni tad-drittijiet għall-proprjetà tiegħu għandha tiġi kkwalifikata bħala kunsiderevoli, fid-dawl tal-applikazzjoni ġenerali u tat-tul effettiv tal-miżuri restrittivi li huwa suġġett għalihom, l-impożizzjoni ta' dawk il-miżuri fil-konfront tiegħu tikkostitwixxi restrizzjoni inġustifikata tad-dritt għall-proprjetà tiegħu.

48 Skont l-Artikolu 231 KE, il-Qorti żammet l-effetti tar-Regolament Nru 881/2002 għal perijodu li ma jistax jeċċedi tliet xhur b'mod li jippermetti lill-Kunsill jirrimedja għall-ksur ikkonstatat, iżda li jieħu wkoll debitament inkunsiderazzjoni l-effett sinjifikattiv li l-miżuri restrittivi għandhom fuq id-drittijiet u l-libertajiet tal-appellanti. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat, minn naħa waħda, li l-annullament b'effett immedjat ta' dan ir-regolament, sa fejn kien jikkonċerna lill-appellant, seta' jippreġudika b'mod serju u irriversibbli l-effikaċja tal-miżuri restrittivi li dan ir-regolament jimponi u li l-Komunità għandha timplementa, u min-naħa l-oħra, ma jistax jiġi eskluż li, fuq il-mertu, l-impożizzjoni ta' tali miżuri fuq l-appellanti tista' xorta waħda tirriżulta ġġustifikata (punti 373 sa 376 tas-sentenza Kadi tal-Qorti tal-Ġustizzja).

**Wara s-sentenzi Kadi tal-Qorti Ġenerali u tal-Qorti tal-Ġustizzja**

49 Permezz ta' ittra tat-8 ta' Settembru 2008, ir-rappreżentant permanenti ta' Franza fl-ONU, huwa u jaġixxi għan-nom tal-Unjoni, talab lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet sabiex b'urġenza jirrendi aċċessibbli fuq is-sit elettroniku tiegħu, skont il-paragrafu 13 tar-riżoluzzjoni 1822 (2008), is-sunt tar-raġunijiet li wasslu għall-inklużjoni tar-rikorrent fil-lista tal-Kumitat.

50 Permezz ta' ittra tal-21 ta' Ottubru 2008, il-president tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet ikkomunika l-imsemmija sunt tar-raġunijiet lir-rappreżentant permanenti ta' Franza fl-ONU, fejn awtorizza komunikazzjoni tagħha lir-rikorrent u/jew lill-avukati tiegħu. Dan is-sunt tar-raġunijiet huwa fformulat kif ġej:

"L-individwu Yasin Abdullah Ezzedine Qadi [...] jissodisfa l-kundizzjonijiet ta' inklużjoni tal-[Kumitat tas-Sanzjonijiet] minħabba l-atti tiegħu li jikkonsistu fi a) parteċipazzjoni fil-finanzjament, fl-ippjanar, fil-faċilitazzjoni, fit-tħejjija jew

fit-twettiq ta' atti jew attivitajiet ta' Al-Qaida, Usama bin Laden jew mit-Talibani, jew li jsiru flimkien magħhom, f'isimhom jew bħala għajnuna għalihom, jew kwalunkwe ċellola, grupp affiljat, grupp żgħir li jinqata' minnhom jew derivattiv tagħhom; b) il-fornitura, il-bejgħ jew it-trasferiment ta' armi u materjal relatat ma' xi wieħed minnhom; c) reklutaġġ għal xi wieħed minnhom; d) xi forma oħra ta' appoġġ għall-atti jew l-attivitajiet ta' xi wieħed minnhom [ara r-riżoluzzjoni 1822 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà, paragrafu 2].

M. Qadi rrikonoxxa li huwa kien membru fundatur tal-Fondazzjoni Muwafaq u li kien imexxi l-attivitajiet tagħha. Il-Fondazzjoni Muwafaq dejjem ħadmet taħt l-awspiċi tal-Uffiċċju Afgan [Makhtab al-Khidamat] (QE.M.12.01.), organizzazzjoni mwaqqfa minn Abdullah Azzam u Usama bin Laden [Usama Muhammed Awad Bin Laden] (QI.B.8.01.) u prekursur ta' Al-Qaida (QE.A.4.01.). Wara x-xoljiment tal-Uffiċċju Afgan, fil-bidu ta' Ġunju 2001 u l-assorbiment tiegħu minn Al-Qaida, diversi oragnizzazzjonijiet mhux governattivi li kienu qabel assoċjati miegħu, b'mod partikolari l-Fondazzjoni Muwafaq, ukoll ingħaqdu ma' Al-Qaida.

Fl-1992, Qadi ċeda t-tmexxija tal-uffiċċji Ewropej tal-Fondazzjoni Muwafaq lil Shafiq Ben Mohamed Ben Mohamed Al-Ayadi (QI.A.25.01.). Lejn in-nofs tas-snin 90, Al-Ayadi mexxa wkoll l-uffiċċju tal-Fondazzjoni Muwafaq fil-Bosnja-Ħerzegovina. Qadi rrekluta lil Al-Ayadi fuq rakkomandazzjoni ta' finanzjatur magħruf ta' Al-Qaida, Wa'el Hamza Abd al-Fatah Julaidan (QI.J.79.02.), li ġġieled flimkien ma' Usama bin Laden fl-Afganistan fis-snin 80. Fil-mument tan-nomina tiegħu minn Al-Qadi fil-kariga ta' direttur għall-Ewropa tal-Fondazzjoni Muwafaq, Al-Ayadi kien jaġixxi taħt kuntratti ma' Usama bin Laden. Al-Ayadi żar l-Afganistan fil-bidu tas-snin 90 sabiex isegwi taħriġ paramilitari, imbagħad is-Sudan, flimkien ma' persuni oħra, sabiex jiltaqa' ma' Usama bin Laden, li miegħu kkonkludew ftehim uffiċjali dwar l-akkoljiment u l-formazzjoni ta' Tuneżini. Dawn iltaqgħu ma' Usama bin Laden għat-tieni darba u kisbu ftehim li jipprevedi li l-kollaboraturi ta' bin Laden fil-Bosnja-Ħerzegovina jilqgħu ġellieda Tuneżini li ġejjin mill-Italja.

Fl-1995, il-mexxej ta' Al-Gama'at al Islamiyya, Talad Fuad Kassem, iddikjara li l-Fondazzjoni Muwafaq pprovda appoġġ loġistiku u finanzjarju għal battaljun ta' ġellieda fil-Bosnja-Ħerzegovina. Fin-nofs tas-snin 90, il-Fondazzjoni Muwafaq ikkontribwixxiet għall-appoġġ finanzjarju mogħti għall-għanijiet ta' attivitajiet terroristiċi ta' dawn il-ġellieda, kif ukoll għat-traffikar ta' armi li joriġinaw mill-Albanija u li huma ddestinati għall-Bosnja-Ħerzegovina. Parti mill-finanzjament ta' dawn l-attivitajiet sar minn Usama bin Laden.

Qadi kien ukoll wieħed mill-azzjonarji prinċipali ta' Depositna Banka, stabbilit f'Sarajevo u llum magħluq, fejn Al-Ayadi kien jeżerċita wkoll funzjonijiet u kien jirrappreżenta l-interessi ta' Qadi. Xi laqgħat dwar il-preparazzjoni ta' attentat kontra stabbiliment Amerikan fl-Arabja Sawdija setgħu saru f'dan il-bank.

Barra minn dan, Qadi kien proprjetarju fl-Albanija ta' diversi kumpanniji li jittrasferixxu fondi lil estremisti jew dawk fdati minnhom li jokkupaw postijiet li jippermettulhom li jikkontrollaw il-fondi tal-kumpanniji inkwistjoni. Sa ħames kumpanniji proprjetà ta' Qadi fl-Albanija rċevew kapital li jiċċirkula mingħand bin Laden."

51 Sussegwentement, dan is-sunt tar-raġunijet ġie wkoll ippubblikat fis-sit elettroniku tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet, skont il-paragrafu 13 tar-riżoluzzjoni 1822 (2008).

52 Permezz ta' ittra tat-22 ta' Ottubru 2008, ir-rappreżentant permanenti ta' Franza fl-Unjoni bagħat dan l-istess sunt tar-raġunijiet lill-Kummissjoni, bil-għan li din tingħata l-opportunità tikkonforma ruħha mas-sentenza Kadi tal-Qorti tal-Ġustizzja.

53 Fit-22 ta' Ottubru 2008, il-Kummissjoni bagħtet ittra lir-rikorrent li biha informatu li fid-dawl tar-raġunijiet ippreċiżati fis-sunt tar-raġunijiet ipprovdut mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet u mehmuż mal-imsemmija ittra, hija tipprevedi li tadotta att leġiżlattiv bil-ħsieb li żżomm l-inklużjoni tiegħu fl-Anness I tar-Regolament Nru 881/2002, bis-saħħa tal-ewwel inċiż tal-Artikolu 7(1) tiegħu. Il-Kummissjoni żiedet li din l-ittra kellha l-għan li tagħti lir-rikorrent l-opportunità li jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu dwar ir-raġunijiet stabbiliti fis-sunt tar-raġunijiet u li tagħtih l-informazzjoni kollha li hija tqis li hija rilevanti, qabel ma hija tieħu d-deċiżjoni finali tagħha. Għal dan il-għan, huwa ngħata terminu sal-10 ta' Novembru 2008.

54 Is-sunt tar-raġunijiet mehmuż ma' din l-ittra (iktar 'il quddiem is-"sunt tar-raġunijiet") huwa mfassal fi kliem identiku għal dak tas-sunt tar-raġunijiet ikkomunikat mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet (ara l-punt 50 iktar 'il fuq).

55 Permezz ta' ittra tal-10 ta' Novembru 2008, ir-rikorrent ippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu b'risposta għall-Kummissjoni. B'mod partikolari, huwa:

— talab lill-Kummissjoni tipproduċi l-provi li jikkorroboraw l-affermazzjonijiet u l-istqarrijiet magħmula fis-sunt tar-raġunijiet kif ukoll id-dokumenti rilevanti tal-proċess tal-Kummissjoni;

— talab li jingħata opportunità oħra sabiex jifformula osservazzjonijiet dwar dawk il-provi wara li jkun irċevihom;

— ipprova jiċħad, bi provi insostenn, l-allegazzjonijiet stabbiliti fis-sunt tar-raġunijiet, sa fejn huwa jqis ruħu kapaċi jirrispondi għal akkużi ġenerali.

56 Fit-28 ta' Novembru 2008, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament (KE) Nru 1190/2008, li jemenda għall-101 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 (ĠU L 322, p. 25, iktar 'il quddiem ir-"regolament ikkontestat").

57 Il-kunsiderazzjonijiet 3 sa 6, 8 u 9 tal-preambolu tar-regolament ikkontestat huma fformulati kif ġej:

"(3) Sabiex tikkonforma mas-sentenza [Kadi tal-Qorti tal-Ġustizzja], il-Kummissjoni kkomunikat is-sommarji narrattivi tar-raġunijiet, lis-Sur Kadi u [tatu] l-opportunità li jikkummenta dwar dawn ir-raġunijiet sabiex [ikun jista' jistqarr] l-fehma [tiegħu].

(4) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti mis-Sur Kadi [...] u eżaminat dawn il-kummenti.

(5) Il-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom għandu japplika l-iffriżar tal-fondi u ta' riżorsi ekonomiċi, imfassla mill-[Kumitat tas-Sanzjonijiet], tinkludi lis-Sur Kadi [...].

(6) Wara li eżaminat bir-reqqa l-kummenti li rċeviet mingħand is-Sur Kadi f'ittra tal-10 ta' Novembru 2008, u meta wieħed iqis in-natura preventiva tal-iffriżar tal-fondi u ta' riżorsi ekonomiċi, il-Kummissjoni tqis li l-elenkar tas-Sur Kadi huwa ġġustifikat minħabba l-assoċjazzjoni tiegħu man-netwerk ta' Al Qaida.

[...]

(8) Fid-dawl ta' dan, is-Sur Kadi [...] [għandu jiżdied] fl-Anness I.

(9) Dan ir-Regolament għandu japplika mit-30 ta' Mejju 2002, meta wieħed iqis in-natura preventiva u l-għanijiet tal-iffirżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi skond ir-Regolament [...] Nru 881/2002 u l-ħtieġa li jiġu protetti l-interessi leġittimi tal-operaturi ekonomiċi, li kienu qed jistrieħu fuq il-legalità tar-Regolament annullat mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja."

58 Skont l-Artikolu 1 u l-anness tar-regolament ikkontestat, l-Anness I tar-Regolament Nru 881/2002 huwa emendat f'dan is-sens, b'mod partikolari, li annotazzjoni li ġejja għandha tiżdied taħt l-intestatura "Persuni fiżiċi":

"Yasin Abdullah Ezzedine Qadi [magħruf ukoll bħala a) Kadi, Shaykh Yassin Abdullah, b) Kahdi, Yasin ; c) Yasin Al-Qadi]. Imwieled fit-23 ta' Frar 1955 fil-Kajr, Eġittu. Nazzjonalità: Sudaniża. Numru tal-passaport: a) B 751550, b) E 976177 (maħruġ fis-6 ta' Marzu 2004, jiskadi fil-11 ta' Jannar 2009). Informazzjoni oħra: Jeddah, Għarabja Sawdita [Arabja Sawdija]."

59 Skont l-Artikolu 2 tar-regolament ikkontestat, dan daħlet fis-seħħ fit-3 ta' Diċembru 2008 u japplika mit-30 ta' Mejju 2002.

60 Permezz ta' ittra tat-8 ta' Diċembru 2008, il-Kummissjoni rrispondiet għall-osservazzjonijiet tar-rikorrent tal-10 ta' Novembru 2008, fejn indikat li hija kienet eżaminat l-imsemmija osservazzjonijiet u li kienet qabblet is-sunt tar-raġunijiet mal-argumenti li huwa kien ressaq f'dan ir-rigward. Hija sostniet b'mod partikolari:

— li, billi bagħtitlu s-sunt tar-raġunijiet u stednitu jressaq l-osservazzjonijiet tiegħu, hija kienet osservat is-sentenza Kadi tal-Qorti tal-Ġustizzja;

— li s-sentenza Kadi tal-Qorti tal-Ġustizzja ma imponietx il-"komunikazzjoni ta' provi addizzjonali" mitluba mir-rikorrent;

— li r-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà li jeżiġu l-iffriżar ta' assi "preventiv", kif ikkonfermat mir-"rakkomandazzjoni speċjali III dwar il-finanzjament tat-terroriżmu" tal-Grupp ta' Azzjoni Finanzjarja dwar il-Money Laundering (GAFI), l-imsemmi ffriżar għandu jiġi stabbilit, inkwantu l-livell ta' prova neċessarja, fuq "raġunijiet jew bażi raġjonevoli li tqajjem suspett li l-persuna jew l-entità indikata hija terrorista, tiffinanzja t-terroriżmu jew organizzazzjoni terrorista";

— li hija kellha d-dritt tinjora l-provi mressqa mir-rikorrent bil-għan li jiċħad l-akkużi miġjuba kontra tiegħu, u b'mod iktar partikolari dawk li jirrigwardaw l-abbandun ta' prosekuzzjonijiet kriminali kontrih fl-Isvizzera, fit-Turkija u fl-Albanija, minħabba li dawn il-provi jaqgħu taħt il-"qafas ta' proċeduri kriminali", li għalihom japplikaw "eżiġenzi differenti fil-qasam tal-prova minn dawk applikabbli għall-[Kumitat tas-Sanzjonijiet], li huma min-natura tagħhom preventivi".

61 Il-Kummissjoni kkonkludiet l-analiżi tagħha kif ġej: "konsegwentement, wara eżami bir-reqqa tal-osservazzjonijiet li inti fformulajt f'ittra tal-10 ta' Novembru 2008, il-Kummissjoni tiddeċiedi [li] l-inklużjoni tiegħek fil-lista hija ġustifikata minħabba r-rapporti tiegħek man-netwerk Al-Qaida [ ; l-]ispjegazzjoni tar-raġunijiet huwa mehmuż mal-preżenti". Il-Kummissjoni hemżet ukoll it-test tar-regolament ikkontestat, fakkret il-possibbiltà li dan ir-regolament jiġi kkontestat quddiem il-Qorti Ġenerali u fl-aħħar ġibdet l-attenzjoni tar-rikorrent dwar il-fatt li l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet ikkonċernati jistgħu f'kull mument jippreżentaw talba ta' tneħħija lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet, waqt li pprovdiet dettalji ta' kuntatti utli u l-indirizz ta' sit elettroniku fejn ir-rikorrent jista' jikseb iktar informazzjoni.

62 L-ispjegazzjoni tar-raġunijiet mehmuża mal-ittra tal-Kummissjoni tat-8 ta' Diċembru 2008 hija indikata fis-sunt tar-raġunijiet.

## Proċedura

63 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-26 ta' Frar 2009, ir-rikorrent ressaq din il-kawża.

64 Permezz ta' att separat, ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-istess ġurnata, ir-rikorrent ressaq talba sabiex il-kawża tiġi deċiża permezz tal-proċedura mħaffa, skont l-Artikolu 76a tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali. Wara li semgħet lill-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) laqgħet din it-talba permezz ta' deċiżjoni tal-20 ta' Marzu 2009.

65 Il-Kummissjoni hemżet mar-risposta tagħha l-ittra tar-rappreżentant permanenti ta' Franza fl-Unjoni tat-22 ta' Ottubru 2008, flimkien mas-sunt tar-raġunijiet ikkomunikat mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet (ara l-punt 52 iktar 'il fuq), li hija tippreżenta bħala t-totalità tad-dokumenti li hija rċeviet min-Nazzjonijiet Uniti u li fuqhom huwa msejjes ir-regolament ikkontestat.

66 Permezz tad-digrieti tal-5 ta' Mejju 2009 u tat-3 ta' Lulju 2009, wara li sema' lill-partijiet, il-President tas-Seba' Awla tal-Qorti Ġenerali ammetta l-interventi, minn naħa waħda, tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u, min-naħa l-oħra, tar-Repubblika Franċiża u tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, insostenn tat-talbiet tal-Kummissjoni.

67 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru fit-18 ta' Novembru 2009, il-Kummissjoni ddepożitat dokument dwar proċedura pendenti bejn ir-rikorrent u l-awtoritajiet Amerikani quddiem il-United States District Court for the District of Columbia (Qorti distrettwali tal-Istati Uniti għad-distrett tal-Kolombja). Ir-rikorrent u l-Kunsill ippreżentaw l-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom dwar dan id-dokument fl-10 ta' Diċembru 2009.

68 Fid-dawl tar-rapport tal-Imħallef Relatur, il-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) iddeċidiet li tiftaħ il-proċedura orali.

69 Permezz ta' ittra tal-10 ta' Ġunju 2010, ir-rikorrent ipproduċa kopja tas-sentenza Ahmed *et* tal-UK Supreme Court.

70 It-trattazzjoni tal-partijiet u t-tweġibiet tagħhom għall-mistoqsijiet tal-Qorti Ġenerali nstemgħu fis-seduta tas-17 ta' Ġunju 2010. Dakinhar ir-rikorrent ipproduċa d-"disa' rapport tat-tim ta' appoġġ analitiku u monitoraġġ tas-sanzjonijiet tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet, stabbilit b'applikazzjoni tar-riżoluzzjoni 1526 (2004)", bil-għan li jgħin lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet sabiex iwettaq il-mandat tiegħu, li ġie mgħoddi lill-president tal-Kunsill tas-Sigurtà mill-president tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet, permezz

ta' ittra tal-11 ta' Mejju 2009 (dokument S/2009/245, iktar 'il quddiem id-"disa' rapport tat-tim ta' monitoraġġ").

**It-talbiet tal-partijiet**

71 Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tadotta miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura skont l-Artikolu 64 tar-Regoli ta' Proċedura tagħha, bil-għan li l-Kummissjoni tiżvela "id-dokumenti kollha dwar l-adozzjoni" tar-regolament ikkontestat;

— tannulla r-regolament ikkontestat sa fejn jikkonċernah;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

72 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors;

— tikkundanna lir-rikorrent għall-ispejjeż.

73 Il-Kummissjoni tikkunsidra, barra minn dan, li peress li l-inklużjoni tar-rikorrent fl-Anness I tar-Regolament Nru 881/2002 hija bbażata esklużivament fuq id-dokumenti mehmuża mar-risposta, ma hemmx lok għall-Qorti Ġenerali li tordna l-produzzjoni tagħhom permezz ta' miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura.

74 Il-Kunsill, ir-Repubblika Franċiża u r-Renju Unit jsostnu l-ewwel kap tat-talbiet tal-Kummissjoni.

**Il-fatti**

75 Ir-rikorrent huwa ċittadin Sudaniż, negozjant u finanzier, imwieled fl-1955. Huwa jirrikonoxxi li kien, sa meta waqaf mill-attivitajiet tiegħu, jiġifieri fl-1998, amministratur tal-Fondazzjoni Muwafaq, li huwa jiddeskrivi bħala fondazzjoni tal-karità stabbilita f'Jersey.

76 Il-fondi tar-rikorrent ilhom iffriżati fl-Unjoni kollha mill-20 ta' Ottubru 2001, inizjalment bis-saħħa tar-Regolament Nru 2062/2001, adottat wara l-inklużjoni tiegħu fil-lista tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet li saret fis-17 ta' Ottubru 2001 (ara l-punti 30 u 31 iktar 'il fuq), imbagħad bis-saħħa tar-Regolament Nru 881/2002 u fl-aħħar bis-saħħa tar-regolament ikkontestat li ġie adottat wara l-annullament parzjali tal-imsemmi Regolament Nru 881/2002 permezz tas-sentenza Kadi tal-Qorti tal-Ġustizzja.

77 Ir-rikorrent isostni li huwa qatt ma kien involut fit-terroriżmu u li huwa qatt ma offra appoġġ, finanzjarju jew ta' xi xorti oħra, favur it-terroriżmu, kemm jekk f'relazzjoni ma' Usama bin Laden jew ma' ħaddieħor. Huwa qatt ma ġie pproċessat jew misjub ħati ta' xi ksur ta' liġi kriminali relatata mat-terroriżmu, imkien fid-dinja.

78 Ir-rikorrent iżid li huwa ġie inkluż fil-lista tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet, fuq talba tal-Istati Uniti, fin-nuqqas ta' eżami jew ta' evalwazzjoni, imwettqa b'mod indipendenti min-Nazzjonijiet Uniti, tal-allegazzjonijiet ifformulati kontra tiegħu mill-Istati Uniti. Madankollu, ħafna minn dawn l-allegazzjonijiet huma manifestament foloz, bħal dawk li jiddikjaraw li r-rikorrent għandu ħuh u li huwa membru tal-klann tad-Dossari. L-awtoritajiet tan-Nazzjonijiet Uniti bbażaw ruħhom ukoll fuq allegazzjonijet ifformulati f'ċerti artikli tal-istampa, b'mod partikolari artiklu miktub mill-ġurnalist Jack Kelley fil-ħarġa tal-gazzetta USA Today tad-29 ta' Ottubru 1999, li jindika, fost affarijiet oħra, li l-Fondazzjoni Muwafaq isservi ta' "faċċata" għal Usama bin Laden. Madankollu, Kelley ġie mġiegħel jirtira wara li saret investigazzjoni u ġie ppubblikat artiklu korrettiv fis-sit elettroniku ta' USA Today fit-13 ta' April 2004, li jikkonferma li Kelley kien "iffabrika ċerti scoops" u li l-artiklu li fuqu bbażaw ruħhom l-awtoritajiet Amerikani kien fih diversi żbalji.

**Id-dritt**

*Il-kunsiderazzjonijiet preliminari*

79 Wara li jagħmel ċertu numru ta' kunsiderazzjonijiet preliminari dwar il-livell ta' stħarriġ ġudizzjarju adegwat f'dan il-każ, ir-rikorrent jinvoka ħames motivi insostenn tar-rikors preżenti. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq nuqqas ta' bażi legali suffiċjenti. It-tieni, li jinqasam f'żewġ partijiet, huwa bbażat fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva. It-tielet huwa bbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni previst fl-Artikolu 253 KE. Ir-raba' huwa bbażat fuq żball manifest fl-evalwazzjoni tal-fatti. Il-ħames, fl-aħħar, huwa bbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

80 Jeħtieġ l-ewwel li tiġi eżaminata l-kwistjoni dwar il-livell ta' stħarriġ ġudizzjarju adegwat f'dan il-każ, ġustament imqajma fil-bidu mill-partijiet kollha, u mbagħad, sussegwentement, jiġu eżaminati t-tieni u l-ħames motivi tar-rikors li jirrepetu fis-sustanza l-ilmenti diġà eżaminati mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha Kadi.

81 Għall-finijiet ta' dan l-eżami, ma hemmx lok li tintlaqa' t-talba għal miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura mibdija mir-rikorrent. Fil-fatt ma huwiex ikkontestat li l-Kummissjoni pproduċiet, fl-anness tar-risposta tagħha, id-dokumenti kollha li fuqhom ġie adottat ir-regolament ikkontestat, li jistgħu jkunu s-suġġett ta' din il-miżura.

*Dwar il-livell ta' stħarriġ ġudizzjarju adegwat f'dan il-każ*

L-argumenti tal-partijiet

82 Fl-ewwel lok, ir-rikorrent iqis "opportun u neċessarju" li l-Qorti Ġenerali tapplika, f'dan il-każ, livell ta' stħarriġ ġudizzjarju "profond u rigoruż". Huwa jirreferi, f'dan ir-rigward, għall-prinċipji stabbiliti fil-punti 281 u 326 tas-sentenza Kadi tal-Qorti tal-Ġustizzja u għall-punt 45 tal-konklużjonijiet tal-avukat ġenerali M. Poiares Maduro relattivi għal din is-sentenza (Ġabra p. I-6363). Huwa jirreferi wkoll għal-livell ta' stħarriġ "komplet" definit mill-Qorti Ġenerali, sabiex tevalwa l-legalità ta' miżuri Komunitarji dwar l-iffriżar ta' fondi adottati taħt ir-Regolament Nru 2580/2001, fis-sentenzi tagħha tat-12 ta' Diċembru 2006, Organisation des Modjahedines du peuple d'Iran vs Il-Kunsill (T-228/02, Ġabra p. II-4665, iktar 'il quddiem is-"sentenza OMPI", punti 154, 155 U 159), tat-23 ta' Ottubru 2008, People's Mojahedin Organization of Iran vs Il-Kunsill (T-256/07, Ġabra p. II-3019, iktar 'il quddiem is-"sentenza PMOI I",

punti 141 sa 143), u tal-4 ta' Diċembru 2008, People's Mojahedin Organization of Iran vs Il-Kunsill (T-284/08, Ġabra p. II-3487, iktar 'il quddiem is-"sentenza PMOI II ", punti 74 u 75).

83 Fit-tieni lok, ir-rikorrent iqis li huma meħtieġa provi partikolarment konvinċenti sabiex tkun ġustifikata l-miżura ta' ffrizar tal-fondi inkwistjoni fil-każ, minħabba r-raġunijiet li ġejjin:

— din il-miżura, drakonjana u mingħajr limiti ta' żmien u ta' ammont, tikkostitwixxi ksur kunsiderevoli tad-drittijiet fundamentali tiegħu, li l-konsegwenzi tiegħu jistgħu jkunu devastanti (konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali M. Poiares Maduro relattivi għas-sentenza Kadi tal-Qorti tal-Ġustizzja, iċċitata iktar 'il fuq, punt 47);

— din il-miżura tikkostitwixxi sanzjoni, kif jirriżulta oġġettivament ukoll min-noti interpretattivi tal-GAFI invokati mill-Kummissjoni, fis-sens li din tittikettjah pubblikament bħala terrorist jew segwaċi tat-terroriżmu;

— l-assi tiegħu ilhom iffriżati mill-2001, filwaqt li, fir-rigward taż-żamma ta' dan l-iffriżar, il-Kummissjoni għandha timxi mal-kriterji tal-eżistenza ta' "theddida attwali jew futura" iktar milli ma' sempliċi "mġiba fil-passat" (sentenza PMOI I, punt 110).

84 Fit-tielet lok, ir-rikorrent jikkunsidra li l-Qorti Ġenerali għandha teżamina r-regolament ikkontestat b'attenzjoni partikolari, peress li dan allegatament ġie adottat bil-ħsieb li jirrimedja ksur serju ta' drittijiet fundamentali identifikati mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha Kadi (b'mod partikolari l-punti 334, 358, 369 u 370; ara wkoll is-sentenza PMOI I, punti 60 sa 62).

85 Skont il-Kummissjoni u l-Gvernijiet intervenjenti, għandu jintlaħaq bilanċ fid-dritt fundamentali għal stħarriġ ġudizzjarju effettiv dovut lill-individwu li l-fondi tiegħu jiġu ffriżati bis-saħħa ta' miżura Komunitarja u n-neċessità li jiġi miġġieled it-terroriżmu internazzjonali b'mod konformi mad-deċiżjonijiet restrittivi meħuda mill-Kunsill tas-Sigurtà bis-saħħa tal-Kapitolu VII tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.

86 F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tipproponi li ssir distinzjoni bejn żewġ livelli ta' stħarriġ ġudizzjarju, skont jekk il-miżura inkwistjoni taqax jew le taħt l-eżerċizzju ta' setgħa tagħha li timplika evalwazzjoni diskrezzjonali tal-Komunità (sentenza OMPI, punt 107).

87 L-ewwel livell ta' stħarriġ, imsejjaħ "ristrett", ġie ddefinit mill-Qorti Ġenerali fis-sentenzi OMPI u PMOI, fil-kuntest tal-implementazzjoni tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931 u tar-Regolament Nru 2580/2001. Dan jestendi l-evalwazzjoni tal-fatti u taċ-ċirkustanzi invokati sabiex jiġġustifikaw il-miżura ta' ffriżar tal-fondi inkwistjoni, l-istess bħall-verifika tal-provi u ta' informazzjoni li fuqhom hija bbażata din l-evalwazzjoni (sentenza OMPI, punt 154), mingħajr madankollu ma l-Qorti Komunitarja tkun tista' tissostitwixxi l-evalwazzjoni tagħha dwar il-provi, fatti u ċirkustanzi li jiġġustifikaw l-adozzjoni ta' tali miżuri b'dik tal-istituzzjonijiet Komunitarji (sentenza OMPI, punt 159). Hija għalhekk tillimita l-istħarriġ tagħha għall-osservanza tar-regoli ta' proċedura u tal-motivazzjoni, tal-eżattezza materjali tal-fatti kif ukoll tan-nuqqas ta' żball manifest fl-evalwazzjoni tal-fatti u ta' abbuż ta' poter. Dan l-istħarriġ ristrett japplika, b'mod partikolari, għall-evalwazzjoni tal-kunsiderazzjonijiet ta' opportunità li fuqhom hija bbażata l-miżura ta ffriżar ta' fondi.

88 Kuntrarjament għal dak li jsostni r-rikorrent, dan l-ewwel livell ristrett ta' stħarriġ ġudizzjarju ma jistax jintuża f'kawża bħal din, li għandha, bħala s-suġġett tagħha, att Komunitarju adottat skont ix-xewqa unanima espressa mill-Istati Membri fil-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2002/402/PESK, tas-27 ta' Mejju 2002, dwar miżuri restrittivi kontra Usama bin Laden, membri tal-organizzazzjoni Al-Qaida u t-Talibani

u individwi oħrajn, gruppi, impriżi u entitajiet assoċjati magħhom u jħassar il-Pożizzjonijiet Komuni 96/746/PESK, 1999/727/PESK, 2001/154/PESK u 2001/771/PESK (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 18, Vol. 1, p. 292), bil-għan li jiġu implementati b'mod kollettiv sanzjonijiet individwali deċiżi direttament fil-konfront ta' individwi u ta' entitajiet indikati b'isimhom mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet.

89 Il-Kummissjoni tfakkar, f'dan ir-rigward, li l-osservanza tal-impenji meħuda fil-kuntest tan-Nazzjonijiet Uniti hija imposta fl-implementazzjoni, mill-Komunità, ta' riżoluzzjonijiet adottati mill-Kunsill tas-Sigurtà taħt il-Kapitolu VII tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti (sentenza Kadi tal-Qorti tal-Ġustizzja, punt 293). Isegwi għalhekk li l-istituzzjonijiet Komunitarji huma obbligati, bis-saħħa tat-Trattat KE, jikkonformaw mad-deċiżjonijiet tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet (sentenza Kadi tal-Qorti tal-Ġustizzja, punt 296).

90 Il-qrati Komunitarji għandhom madankollu jivverifikaw jekk l-adozzjoni ta' miżura ta' eżekuzzjoni Komunitarja hijiex kompatibbli mal-prinċipji kostituzzjonali tat-Trattat KE, li fosthom jirriżultaw id-drittijiet fundamentali (sentenza Kadi tal-Qorti tal-Ġustizzja, punti 298 sa 314). Dan il-kuntest tan-Nazzjonijiet Uniti ma jiġġustifikax għaldaqstant "immunità ġudizzjarja ġeneralizzata" fil-kuntest tas-sistema legali interna tal-Komunità, sakemm id-dritt tan-Nazzjonijiet Uniti ma joffrix garanzija ta' protezzjoni ġudizzjarja (sentenza Kadi tal-Qorti tal-Ġustizzja, punti 322 *in fine*, 326 u 327).

91 Skont il-Kummissjoni u l-Gvernijiet intervenjenti, l-istħarriġ ġudizzjarju eżerċitat mill-Qorti tal-Ġustizzja, f'kawżi li jinvolvu atti Komunitarji ta' implementazzjoni ta' sanzjonijiet deċiżi mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet, s'issa rrigwarda l-istħarriġ tal-osservanza tal-garanziji proċedurali mill-awtorità komunitarja kkonċernata (sentenza Kadi tal-Qorti tal-Ġustizzja, punti 336 u 345 sa 353). Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja għadha ma esprimietx ruħha dwar il-livell ta' stħarriġ ġudizzjarju tal-motivi li fuqhom tibbaża ruħha l-miżura Komunitarja ta' eżekuzzjoni. Hija wkoll il-Qorti Ġenerali li għandha tiddetermina għall-ewwel darba l-livell ta' stħarriġ adegwat,

filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni b'mod partikolari l-kuntest internazzjonali li fih ġie adottat ir-regolament ikkontestat.

92 F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tenfasizza l-obbligu ta' kull Stat Membru tal-ONU, skont l-Artikolu 2(5) tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, li jagħti lil din l-organizzazzjoni "assistenza sħiħa f'kull azzjoni meħuda minnha b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet" tal-imsemmija Karta. Fil-paragrafu 8 tar-riżoluzzjoni 1822 (2008) tiegħu, il-Kunsill tas-Sigurtà barra minn dan reċentement afferma mill-ġdid l-obbligu ta' kull Stat Membru li jimplementa u jissorvelja l-osservanza tas-sanzjonijiet meħuda fir-rigward ta' persuni mniżżla fil-lista tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet.

93 L-istess jgħodd għal meta, fi ħdan l-Unjoni, id-deċiżjonijiet tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet jiġu implementati mhux minn kull Stat Membru individwalment, iżda permezz tal-adozzjoni ta' miżuri komunitarji skont l-Artikoli 60 KE u 301 KE. Il-Kummissjoni tirrileva li, fis-sentenza tagħha Kadi (punt 294), il-Qorti indikat li, fl-eżerċizzju tal-kompetenza tagħha, il-Komunità għandha tagħti importantza partikolari lill-fatt li, skont l-Artikolu 24 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, l-adozzjoni, mill-Kunsill tas-Sigurtà, ta' riżoluzzjonijiet taħt il-Kapitolu VII ta' din il-Karta tikkostitwixxi l-eżerċizzju tar-responsabbiltà prinċipali li biha dan il-korp internazzjonali huwa inkarigat li jżomm, fuq livell dinji, il-paċi u s-sigurtà, responsabbiltà li, fil-kuntest tal-imsemmi Kapitolu VII, "tinkludi s-setgħa li jiġi ddeterminat dak li jikkostitwixxi theddida kontra l-paċi u s-sigurtà internazzjonali kif ukoll li jittieħdu l-miżuri neċessarji sabiex dawn jinżammu jew jerġgħu jiġu stabbiliti".

94 Il-Kummissjoni u l-Gvernijiet intervenjenti jsostnu li, billi kkomunikat lir-rikorrent ir-raġunijiet għall-inklużjoni tiegħu fl-Anness I tar-Regolament Nru 881/2002, il-Komunità tatu l-possibbiltà li jesprimi l-osservazzjonijiet tiegħu u li jiċħad l-allegazzjonijiet li jgħidu li huwa marbut mat-terroriżmu internazzjonali. L-osservazzjonijiet ippreżentati mill-parti kkonċernata għandhom jiġu eżaminati bir-reqqa mill-Kummissjoni. Jekk, madankollu, dan ikollu l-intenzjoni jikkontesta l-provi

li jsejsu s-sunt tar-raġunijiet tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet, ma huwiex il-kompitu tal-Komunità li wara dan tissostitwixxi l-evalwazzjoni tal-provi tal-imsemmi Kumitat bl-evalwazzjoni tagħha. Barra minn dan, il-Komunità ma tkunx f'pożizzjoni li tagħmel tali evalwazzjoni *a posteriori*, peress li dawn il-provi huma kkomunikati biss minn Stat Membru tan-Nazzjonijiet Uniti lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet.

95 Waqt is-seduta l-Kummissjoni kkonfermat, minn naħa, li hija ma għandha l-ebda waħda minn dawn il-provi inkwistjoni. Il-produzzjoni tagħhom għandha, skont il-Kummissjoni, tintalab mingħand l-Istati Membri tal-ONU li jkollhom dawn il-provi.

96 Bi tweġiba għall-mistoqsija tal-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni, sostnuta mill-Gvernijiet intervenjenti, ippreċiżat, min-naħa l-oħra, li l-marġni ta' diskrezzjoni li hija tqis li għandha sabiex tistħarreġ l-evalwazzjonijiet tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet huwa partikolarment dejjaq u jillimita ruħu, fir-realtà, għal stħarriġ ta' żball fattwali jew ta' evalwazzjoni li jkun assolutament manifest, bħal żball dwar l-identità tal-persuna indikata. Fil-każ li jkun jidher li sar tali żball, il-Kummissjoni għandha tidħol f'kuntatt mal-Kumitat tas-Sanzjonijiet bil-ħsieb li dan jiġi rrimedjat.

97 Skont il-Kummissjoni u l-Gvernijiet intervenjenti, il-fatt li tintlaqa' t-talba tar-rikorrent sabiex issir proċedura Komunitarja speċifika għall-komunikazzjoni u l-evalwazzjoni tal-provi "jimmina" s-sistema ta' sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti. Il-Kumitat tas-Sanzjonijiet, li jkun speċjalizzat fil-materja u suġġett għal regoli speċifiċi dwar il-kunfidenzjalità u t-tagħrif espert, ikun speċifikament responsabbli sabiex jittratta provi estremament sensittivi. Il-Kummissjoni u l-Gvernijiet intervenjenti jżidu li, jekk kull wieħed mill-192 Stat Membru tan-Nazzjonijiet Uniti jkollu jesprimi ruħu individwalment dwar il-provi disponibbli qabel ma tittieħed miżura ta' eżekuzzjoni, is-sistema ċentralizzata ta' sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti fil-kuntest tal-ġlieda

kontra t-terroriżmu internazzjonali "tikkrolla" immedjatament u jkun impossibbli li jintlaħaq bilanċ bejn ir-rispett tad-drittijiet fundamentali u n-neċessità li jiġi miġġieled it-terroriżmu internazzjonali.

98 Dwar l-implementazzjoni mill-qrati Komunitarji tal-prinċipju kostituzzjonali tal-protezzjoni ġudizzjarja effettiva, wara s-sentenza Kadi tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni u l-Gvernijiet intervenjenti josservaw li, jekk dawn il-qrati għandhom il-ġurisdizzjoni sabiex jistħarrġu r-regolament ikkontestat, dan l-istħarriġ jiddependi fih innifsu fuq ir-rwol limitat mogħti lill-Komunità, li ma hijiex responsabbli għall-istħarriġ tad-deċiżjoni tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet jew tal-provi li jiġu kkonservati esklużivament fi New York. Il-Kummissjoni u l-Gvernijiet intervenjenti jenfasizzaw għal darb'oħra li s-setgħa sabiex tittieħed id-deċiżjoni li persuna hija assoċjata ma' Al-Qaida, u li huwa neċessarju li jiġu ffriżati l-assi tiegħu sabiex jitwaqqaf milli jiffinanzja jew milli jipprepara atti ta' terroriżmu ngħatat lill-Kunsill tas-Sigurtà u li huwa diffiċli li wieħed jimmaġina dominju politiku iktar importanti u iktar kumpless, li jimplika evalwazzjonijiet dwar is-salvagwardja tas-sigurtà internazzjonali u interna.

99 Skont il-Kummissjoni u l-Gvernijiet intervenjenti, jirriżulta minn dak li ntqal li l-Komunità, fl-intier tagħha, ma tistax tissostitwixxi l-evalwazzjoni tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet b'evalwazzjoni tagħha. Il-marġni ta' diskrezzjoni li għandu dan tal-aħħar għandu jiġi osservat mhux biss mill-istanzi politiċi tal-Komunità, iżda wkoll mill-qrati tagħha. F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali għandha għalhekk tosserva d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li l-evalwazzjoni tagħha ma tistax tissostitwixxi dik tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet, ħlief jekk din id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tkun tidher manifestament żbaljata.

100 Għall-kuntrarju, il-Qorti Ġenerali tista', skont il-Kummissjoni u l-Gvernijiet intervenjenti, timponi fuq l-Istati Membri tal-Unjoni obbligi direttament kontradittorji bis-saħħa tal-Karta tan-Nazzjonijiet u tad-dritt Komunitarju. Kieku l-Qorti Ġenerali kellha tissostitwixxi l-evalwazzjoni tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet bl-evalwazzjoni tagħha u tasal għall-konklużjoni li persuna ma tissodisfax il-kundizzjonijiet sabiex titniżżel fl-Anness I tar-Regolament Nru 881/2002, l-Istati Membri tal-Unjoni

jkunu marbuta, bħala membri tal-ONU, li jimplementaw id-deċiżjoni tal-Kumitat tas-Sanzjonijet, filwaqt li jkunu obbligati, bħala membri tal-Unjoni, li ma jiħdux sanzjonijiet. Issa, il-Kummissjoni żżid li jirriżulta mill-Artikolu 103 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti li Stat Membru tal-Unjoni ma jistax jinvoka d-dritt Komunitarju sabiex jiġġustifika n-nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-obbligi li huwa assuma taħt il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.

101 Għal dawn ir-raġunijiet kollha, il-Kummissjoni tistieden lill-Qorti Ġenerali sabiex teżamina, minn naħa waħda, jekk ir-rikorrent ingħatalux id-dritt li jinstema', u min-naħa l-oħra, jekk l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni tal-osservazzjonijiet tar-rikorrent tidhirx mhux raġjonevoli jew ivvizzjata bi żball manifest.

102 Il-Kunsill jikkontesta huwa wkoll l-interpretazzjoni li r-rikorrent jagħti lis-sentenza Kadi tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din toħroġ ċerti partijiet mill-kuntest tagħhom u tagħtihom sens li l-Qorti tal-Ġustizzja ma kellhiex l-intenzjoni li tagħtihom. Fir-realtà, billi kkonstatat, fil-punt 351 ta' din is-sentenza, li hija ma kinitx f'pożizzjoni li tistħarreġ il-legalità tal-att ikkontestat, il-Qorti ma eżaminatx il-kwistjoni dwar it-tip jew l-intensità tal-istħarriġ ġudizzjarju tagħha, u lanqas ma tat xi gwida f'dan il-qasam.

103 B'mod iktar speċifiku, il-Kunsill jargumenta li kwistjoni dwar jekk ir-rikorrent kienx marbut man-netwerk Al-Qaida jew mat-Taliban timplika evalwazzjoni mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet, ibbażata fuq kunsiderazzjonijiet ta' sigurtà, rigward il-miżuri li għandhom jittieħdu sabiex jiġi miġġieled it-terroriżmu abbażi tal-informazzjoni u l-partikolaritajiet miġbura.

104 Il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet il-prevalenza tar-rwol tal-Kunsill tas-Sigurtà f'dan il-qasam, fil-punt 294 tas-sentenza tagħha Kadi. Fil-prattika, dan ifisser li

l-istituzzjonijiet Komunitarji ma għandhomx jissostitwixxu l-evalwazzjoni li tkun tinsab fir-riżoluzzjoni restrittiva tal-Kunsill tas-Sigurtà bl-evalwazzjoni tagħhom dwar l-eżistenza jew le ta' ness bejn l-individwu u n-netwerk tal-Al-Qaida jew tat-Taliban.

105 Il-Kunsill iqis ukoll li l-Qorti Ġenerali għandha, f'dan il-każ, tadotta l-istess approċċ segwit meta l-istituzzjonijiet Komunitarji jwettqu evalwazzjonijiet dwar għanijiet kumplessi u definiti b'mod wiegħsa. Skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti, huma għaldaqstant igawdu minn setgħa diskrezzjonali wiesgħa u l-għażliet tagħhom ma għandhomx jiġu annullati sakemm ma jkunux wettqu żball ta' evalwazzjoni manifest jew ma jkunux responsabbli għal użu ħażin ta' poter (sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Lulju 1997, SAM Schiffahrt u Stapf, C-248/95 u C-249/95, Ġabra p. I-4475, punti 24 u 25, u tal-10 ta' Jannar 2006, IATA u ELFAA, C-344/04, Ġabra p. I-403, punt 80).

106 Fil-fatt, l-evalwazzjonijiet inkwistjoni f'dan il-każ huma kumplessi u jissopponu evalwazzjoni ta' miżuri li huma neċessarji sabiex tiġi żgurata s-sigurtà internazzjonali u interna. Din tkun titlob it-tagħrif espert tas-servizzi tal-informazzjoni u d-dixxerniment politiku li skont il-Kunsill jinsab biss għand il-Gvernijiet.

107 Il-fatt li f'dan il-każ l-evalwazzjoni hija dik tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet, u mhux dik tal-istituzzjonijiet Komunitarji, ma jaffettwax in-natura tagħha u ma jbiddel xejn fir-rigward tal-prinċipju li jgħid li l-qorti Komunitarja għandha tastjeni milli tissostitwixxi l-evalwazzjoni tal-awtoritajiet politiċi kompetenti bl-evalwazzjoni tagħha. Il-Kunsill iqis, f'dan ir-rigward, li l-Qorti Ġenerali ma tistax u ma għandhiex teżamina s-sustanza tal-evalwazzjoni, li, skont il-Kunsill, taqa' taħt ir-responsabbiltà esklużiva tal-Gvernijiet fil-kuntest tal-ġlieda kontra t-terroriżmu.

108 Waqt is-seduta, il-Kunsill sostna, barra minn dan, li ma jirriżultax mis-sentenza Kadi tal-Qorti tal-Ġustizzja li l-istħarriġ ġudizzjarju — marġinali — ta' miżuri Komunitarji ta' ffriżar ta' fondi għandu jiġi estiż għal evalwazzjoni tal-provi bħala tali (b'kuntrast mal-istħarriġ — marġinali — tar-raġunijiet invokati li jiġġustifikaw l-iffriżar ta' fondi). Dan jirriżulta partikolarment ċar minn ċerti verżjonijiet lingwistiċi tal-imsemmija sentenza, b'mod partikolari l-verżjonijiet Ingliżi u Svediżi.

109 Il-Kunsill jiġbed ukoll l-attenzjoni għall-konsegwenzi iktar ġenerali ta' stħarriġ approfondit tal-Qorti Ġenerali, li qiegħed jitlob ir-rikorrent. Bl-istess mod bħal Kummissjoni u l-Gvernijiet intervenjenti, il-Kunsill jikkunsidra li tali stħarriġ jista' jwassal għal sitwazzjoni li fiha l-Istati Membri jkunu suġġetti għal obbligi konkorrenti kontradittorji, bħala membri tan-Nazzjonijiet Uniti u tal-Unjoni.

110 Skont il-Kunsill, jekk l-Istati Membri tan-Nazzjonijiet Uniti jadottaw tali approċċ, is-sistema bbażata fuq in-Nazzjonijiet Unit ma tiffunzjonax iktar. Il-Kunsill jirrileva li, fis-sentenza tagħha Kadi, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat ir-rwol primarju tal-Kunsill tas-Sigurtà fiż-żamma tal-paċi u tas-sigurtà internazzjonali. Skont il-Kunsill, l-approċċ propost mir-rikorrent jikkomprometti l-kapaċità tal-Kunsill tas-Sigurtà fil-qadi ta' din il-funzjoni.

111 Bħala konklużjoni, il-Kunsill iqis li l-Qorti Ġenerali għandha tafferma mill-ġdid ir-rwol primarju tal-Kunsill tas-Sigurtà f'dan il-qasam u tiddeċiedi li l-istituzzjonijiet Komunitarji ma għandhomx jissostitwixxu l-evalwazzjoni li tkun tinsab fir-riżoluzzjoni restrittiva tal-Kunsill tas-Sigurtà bl-evalwazzjoni tagħhom dwar l-eżistenza jew le ta' rabta bejn l-individwu u n-netwerk ta' Al Qaida jew tat-Taliban.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

112 Jeħtieġ jiġi enfasizzat mill-bidu li l-Qorti Ġenerali ma hijex marbuta taħt l-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest ta' din l-istanza, bil-punti ta' liġi deċiżi mis-sentenza Kadi tal-Qorti tal-Ġustizzja.

113 Madankollu, l-istituzzjonijiet u l-Gvernijiet intervenjenti tennew b'forza, fil-kuntest ta' din l-istanza, il-preokkupazzjonijiet diġà erpressi minnhom, fil-kuntest tal-kawża li wasslet għas-sentenza Kadi tal-Qorti tal-Ġustizzja, dwar ir-riskju ta' interruzzjoni tas-sistema ta' sanzjonijiet stabbilit min-Nazzjonijiet Uniti, fil-kuntest tal-ġlieda kontra t-terroriżmu internazzjonali, li tirriżulta mill-istabbiliment f'livell nazzjonali jew reġjonali ta' stħarriġ ġudizzjarju tat-tip li rrakkomanda r-rikorrent fid-dawl tas-sentenza Kadi tal-Qorti tal-Ġustizzja.

114 Huwa veru li, peress li huwa ammess li hija l-kompetenza, fil-prinċipju, tal-Kunsill tas-Sigurtà li jadotta sanzjonijiet fir-rigward ta' persuni, iktar milli tal-Istati jew tas-sistema tagħhom (smart sanctions), tali stħarriġ ġudizzjarju jista' jinterferixxi mal-prerogattivi tal-Kunsill tas-Sigurtà, b'mod partikolari fir-rigward tad-definizzjoni ta' dak li jikkostitwixxi theddida għall-paċi jew għas-sigurtà internazzjonali, tal-konstatazzjoni tal-eżistenza ta' tali theddida u tad-determinazzjoni tal-mezzi sabiex din tinġieb fi tmiemha.

115 B'mod iktar fundamentali, ġew espressi xi dubji, fl-isfera ġuridika, dwar il-konformità sħiħa tas-sentenza Kadi tal-Qorti tal-Ġustizzja, minn naħa waħda mad-dritt internazzjonali, u b'mod iktar partikolari mal-Artikoli 25 u 103 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, u, min-naħa l-oħra, mat-Trattati KE u UE, u b'mod iktar partikolari mal-Artikolu 177(3) KE, l-Artikoli 297 KE u 307 KE, l-Artikolu 11(1) UE u l-Artikolu 19(2) UE (ara wkoll l-Artikolu 3(5) TUE u l-Artikolu 21(1) u (2) TUE kif ukoll id-dikjarazzjoni Nru 13 tal-konferenza tal-Gvernijiet tal-Istati Membri dwar

il-politika barranija u ta' sigurtà komuni, annessa mat-Trattat ta' Lisbona, li tenfasizza li "l-UE u l-Istati Membri tagħha jibqgħu marbuta bil-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, u b'mod partikolari bir-responsabbiltà prinċipali imposta fuq il-Kunsill tas-Sigurtà u l-Istati Membri tiegħu għaż-żamma tal-paċi u tas-sigurtà internazzjonali").

116 F'dan ir-rigward, ġie b'mod partikolari sostnut li għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja affermat, fil-punt 287 tas-sentenza tagħha Kadi, li ma huwiex il-kompitu tal-Qorti Komunitarja, fil-kuntest tal-kompetenza esklużiva li jipprevedi l-Artikolu 220 KE, li tistħarreġ il-legalità ta' riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà adottata taħt il-Kapitolu VII tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, xorta jibqa' l-fatt li l-istħarriġ tal-legalità ta' att Komunitarju li jimplementa, f'livell Komunitarju, riżoluzzjoni tali li ma tħalli l-ebda diskrezzjoni għal dan il-għan, ifisser neċessarjament li tiġi mistħarrġa l-legalità tar-riżoluzzjoni kif implementata fid-dawl tar-regoli u tal-prinċipji tal-ordni ġuridiku Komunitarju.

117 Barra minn dan, ġie osservat li, fil-punti 320 sa 325 tas-sentenza tagħha Kadi, il-Qorti tal-Ġustizzja pproċediet fi kwalunkwe każ għal tali stħarriġ ġudizzjarju tal-konformità tas-sistema ta' sanzjonijiet stabbilita minn Nazzjonijiet Uniti mas-sistema tal-protezzjoni ġudizzjarja tad-drittijiet fundamentali prevista mit-Trattat KE, b'risposta għall-argument tal-Kummissjoni li kien jgħid li l-imsemmija drittijiet fundamentali kienu suffiċjentement protetti fil-kuntest ta' din is-sistema, fid-dawl, b'mod partikolari, tat-titjib tal-proċedura ta' eżami mill-ġdid li jagħti lill-persuni u lill-entitajiet ikkonċernati l-possibbiltà aċċettabbli li jinstemgħu mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, b'mod partikolari, fil-punti 322 u 323 tal-imsemmija sentenza, li l-proċedura ta' eżami mill-ġdid ma toffrix "manifestament il-garanziji ta' protezzjoni ġudizzjarja" u li l-persuni u l-entitajiet ikkonċernati ma għandhomx "possibbiltà vera li jiddefendu d-drittijiet tagħhom".

118 Bl-istess mod, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat, fil-punt 288 tas-sentenza tagħha Kadi, li sentenza eventwali ta' qorti Komunitarja li biha jiġi deċiż li att Komunitarju intiż li jimplementa tali riżoluzzjoni jmur kontra regola superjuri li tirriżulta mis-sistema ġudirika Komunitarja ma timplikax li titqiegħed inkwistjoni s-supremazija

ta' din ir-riżoluzzjoni fuq il-livell tad-dritt internazzjonali, ġie rrilevat li tali sentenza, li permezz tagħha l-att Komunitarju inkwistjoni jiġi annullat, ikollha neċessarjament bħala konsegwenza li tirrendi inoperattiva din is-supremazija fl-ordni ġuridiku Komunitarju.

119 Għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja normalment tifhem ir-relazzjoni bejn id-dritt Komunitarju u d-dritt internazzjonali fid-dawl tal-Artikolu 307 KE [ara f'dan is-sens is-sentenza tal-14 ta' Jannar 1997, Centro-Com, C-124/95, Ġabra p. I-81, punti 56 sa 61, fejn ġie deċiż li l-Artikolu 234 KE (li sar, wara emenda, l-Artikolu 307 KE) jista' jippermetti derogi anki għad-dritt primarju, f'dan il-każ l-Artikolu 133 KE], bis-sentenza tagħha Kadi hija eskludiet l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu meta jkunu involuti l-"prinċipji ta' libertà, ta' demokrazija kif ukoll ir-rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali stabiliti fl-Artikolu 6(1) UE, bħala bażi tal-Unjoni" (punt 303) jew, skont formulazzjoni oħra, il-"prinċipji li jirriżultaw mill-istess bażi tas-sistema legali Komunitarja, fosthom dak tal-protezzjoni tad-drittijiet fondamentali" (punt 304). Fir-rigward ta' dawn il-prinċipji jidher li l-Qorti tal-Ġustizzja interpretat il-qafas kostituzzjonali tat-Trattat KE bħala ordinament ġuridiku purament awtonomu, mhux subordinat għal regoli superjuri tad-dritt internazzjonali, f'dan il-każ id-dritt li jirriżulta mill-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.

120 Fl-aħħar nett, peress li l-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti hija ftehim bejn Stati u li l-adozzjoni tagħha, barra minn dan, ippreċediet l-adozzjoni tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, iffirmata f'Ruma fil-25 ta' Marzu 1957, l-assimilazzjoni ta' din il-Karta ma' ftehim internazzjonali konkluż bejn il-Komunità u Stat wieħed jew iktar jew organizzazzjonijiet internazzjonali, fis-sens tal-Artikolu 300 KE, użata fil-punti 306 sa 309 tas-sentenza Kadi tal-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex tiġi ġġustifikata l-konklużjoni li "din is-supremazija fuq livell tad-dritt Komunitarju ma testendix ruħha għad-dritt primarju" (punt 308), tista' tqajjem xi mistoqsijiet.

121 Il-Qorti Ġenerali tirrikonoxxi li din il-kritika ma hijiex nieqsa mis-serjetà. Madankollu, fir-rigward tar-rilevanza tagħha, il-Qorti Ġenerali tqis li, f'ċirkustanzi bħal dawk f'dan il-każ, fejn is-suġġett huwa att adottat mill-Kummissjoni sabiex jissostitwixxi att preċedenti li ġie annullat mill-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest ta' appell mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali li ċaħdet ir-rikors għal annullament fir-rigward tal-imsemmi att, l-istess prinċipju ta' appell u l-istruttura ġudizzjarja ġerarkika li hija korollarju tiegħu jirrakkomandawlha, fil-prinċipju, li ma tpoġġix f'dubju hija stess il-punti ta' liġi stabbiliti permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Dan huwa minnu b'mod partikolari meta, bħal f'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet bħala Awla Manja u li manifestament kellha fi ħsiebha li tagħti sentenza awtorevoli. Għaldaqstant, li kieku kellha tingħata tweġiba għall-mistoqsijiet magħmula mill-istituzzjonijiet, l-Istati Membri u l-isferi ġuridiċi kkonċernati, wara s-sentenza Kadi tal-Qorti tal-Ġustizzja, din jaqbel li tingħata mill-Qorti tal-Ġustizzja stess fil-kuntest ta' kawżi futuri li jistgħu jitressqu quddiemha.

122 Jeħtieġ li jiġi osservat, inċidentalment, li, jekk ċerti qrati nazzjonali adottaw approċċ li jixbah lil dak segwit mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza tagħha Kadi [ara f'dan is-sens id-deċiżjoni tat-Tribunal Federali ta' Lausanne (l-Isvizzera) tal-14 ta' Novembru 2007 fil-kawża 1A.45/2007, Youssef Mustapha Nada c vs Secrétariat d'État pour l'Économie, u s-sentenza tal-House of Lords (House of Lords, ir-Renju Unit) tat-12 ta' Diċembru 2007 fil-kawża Al-Jedda vs Secretary of State for Defence [2007] UKHL 58, li kienet attwalment is-suġġett tal-kawża Nru 27021/08, Al-Jedda c. Royaume-Uni, quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem], oħrajn pjuttost segwew l-approċċ tal-Qorti tal-Ġustizzja billi kkunsidraw li s-sistema ta' inklużjoni tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet hija inkompatibbli mad-dritt fundamentali għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva quddiem qorti indipendenti u imparzjali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti Federali tal-Kanada tal-4 ta' Ġunju 2009 fil-kawża Abousfian Abdelrazik vs The Minister of Foreign Affairs and the Attorney General of Canada [2009] FC 580, iċċitata fil-punt 69 tas-sentenza Ahmed *et* tal-UK Supreme Court).

123 Issa, li f'dan il-każ jiġu limitati t-tip u l-intensità tal-istħarriġ ġudizzjarju bil-mod kif ġie ssuġġerit mill-Kummissjoni u mill-Gvernijiet intervenjenti (ara l-punti 86

sa 101 iktar 'il fuq) u mill-Kunsill (ara l-punti 102 sa 111 iktar 'il fuq) jkun ifisser li ma jiġix eżerċitat stħarriġ ġudizzjarju effettiv tat-tip indikat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha Kadi, iżda simulazzjoni ta' tali stħarriġ. Dan ikun ifisser, *de facto*, li jinżamm l-approċċ segwit mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza tagħha Kadi, li ġiet deċiża mill-Qorti tal-Ġustizzja bħala vvizzjata bi żball ta' liġi fis-sentenza tagħha tal-appell. Il-Qorti Ġenerali tqis li huwa kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja, u mhux tiegħu, li tmur lura, jekk ikun il-każ, li taqleb il-ġurisprudenza stabbilita, jekk dan ikun jidhrilha ġustifikat fir-rigward, b'mod partikolari, tal-inkonvenjenti gravi invokati mill-istituzzjonijiet u mill-Gvernijiet intervenjenti.

124 Ċertament, kif jirrilevaw il-Kummissjoni u l-Kunsill, il-Qorti tal-Ġustizzja b'mod partikolari fakkret, fis-sentenza tagħha Kadi, li l-kompetenzi tal-Komunità għandhom jiġu eżerċitati fl-osservanza tad-dritt internazzjonali (punt 291), li l-osservanza tal-impenji meħuda fil-kuntest tan-Nazzjonijiet Uniti hija imposta bl-istess mod fil-qasam taż-żamma tal-paċi u tas-sigurtà internazzjonali, fl-implementazzjoni mill-Komunità, permezz tal-adozzjoni ta' atti Komunitarji meħuda, fuq il-bażi tal-Artikoli 60 KE u 301 KE, ta' riżoluzzjonijiet adottati mill-Kunsill tas-Sigurtà taħt il-Kapitolu VII tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti (punt 293), li fl-eżerċizzju ta' din l-aħħar kompetenza, il-Komunità fil-fatt għandha tagħti importanza partikolari għall-fatt li, skont l-Artikolu 24 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, l-adozzjoni, mill-Kunsill tas-Sigurtà, ta' riżoluzzjonijiet taħt il-Kapitolu VII ta' din il-Karta tikkostitwixxi l-eżerċizzju tar-responsabbiltà prinċipali li biha dan il-korp internazzjonali huwa inkarigat li jżomm, fuq livell dinji, il-paċi u s-sigurtà, responsabbiltà li, fil-kuntest tal-imsemmi Kapitolu VII, tinkludi s-setgħa li jiġi ddeterminat dak li jikkostitwixxi theddida kontra l-paċi u s-sigurtà internazzjonali kif ukoll li jittieħdu l-miżuri neċessarji sabiex dawn jinżammu jew jerġgħu jiġu stabbiliti (punt 294), u li fl-elaborazzjoni ta' miżuri ta' implementazzjoni ta' riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà adottata taħt il-Kapitolu VII tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Komunità għandha debitament tieħu inkunsiderazzjoni l-kliem u l-għanijiet tar-riżoluzzjoni kkonċernata kif ukoll l-obbligi rilevanti li jirriżultaw mill-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti dwar tali implementazzjoni (punt 296).

125 Xorta jibqa' l-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja b'mod partikolari rrilevat, barra minn dan, fis-sentenza tagħha Kadi, li l-implementazzjoni tar-riżoluzzjonijiet adottati mill-Kunsill tas-Sigurtà taħt il-Kapitolu VII tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti għandha ssir skont il-modalitajiet applikabbli f'dan ir-rigward fis-sistema legali interna ta' kull Stat Membru tal-ONU (punt 298), li l-prinċipji li jirregolaw is-sistema legali internazzjonali li rriżultat min-Nazzjonijiet Uniti ma jimplikawx li stħarriġ ġudizzjarju tal-legalità interna ta' att Komunitarju bħar-regolament ikkontestat fid-dawl tad-drittijiet fundamentali jkun eskluż minħabba l-fatt li dan l-att huwa intiż li jimplementa tali riżoluzzjoni (punt 299), li tali immunità ġudizzjarja ta' att bħal dan ma ssib ebda bażi fit-Trattat KE (punt 300), li l-istħarriġ, minnha, tal-validità ta' kull att Komunitarju fid-dawl tad-drittijiet fundamentali għandu jiġi kkunsidrat bħala l-espressjoni, f'Komunità tad-dritt, ta' garanzija kostituzzjonali li tirriżulta mit-Trattat KE bħala sistema legali awtonoma li ma tistax tiġi ppreġudikata minn "ftehim internazzjonali" (punt 316), u konsegwentement, "l-qrati Komunitarji għandhom, skont il-ġurisdizzjoni li huma għandhom bis-saħħa tat-Trattat KE, jiggarantixxu stħarriġ, bħala regola ġenerali komplet, tal-legalità tal-atti Komunitarji kollha fid-dawl tad-drittijiet fundamentali li jifformaw parti integrali mill-prinċipji ġenerali tad-dritt Komunitarju, inkluż tal-atti Komunitarji li [...] huma intiżi li jimplementaw riżoluzzjonijiet adottati mill-Kunsill tas-Sigurtà taħt il-Kapitolu VII tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti" (punt 326).

126 Huwa għalhekk li l-Qorti Ġenerali tikkunsidra, b'mod definittiv, li hija obbligata tiżgura f'dan il-każ, kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja fil-punti 326 u 327 tas-sentenza tagħha Kadi, stħarriġ, "fil-prinċipju komplet", tal-legalità tar-regolament ikkontestat fid-dawl tad-drittijiet fundamentali, mingħajr ma tagħti lill-imsemmi regolament ebda immunità ġudizzjarja abbażi tal-fatt li dan jipprevedi li jimplementa riżoluzzjonijiet adottati mill-Kunsill tas-Sigurtà taħt il-Kapitolu VII tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.

127 Dan għandu għalhekk isir, tal-inqas sakemm il-proċeduri ta' eżami mill-ġdid implementati mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet ma jkunux joffru b'mod manifest il-garanziji ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, kif timplika l-Qorti tal-Ġustizzja

fil-punt 322 tas-sentenza tagħha Kadi (ara wkoll, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali M. Poiares Maduro dwar l-imsemmija sentenza, iċċitati iktar 'il fuq, punt 54).

128 Issa, il-kunsiderazzjonijiet espressi f'dan ir-rigward mill-Qorti tal-Ġustizzja, fil-punti 323 sa 325 tas-sentenza tagħha Kadi, b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna l-punt ċentrali, jibqa' fundamentalment validu fil-preżent, anki fid-dawl tal-"uffiċċju tal-ombudsman", li l-istabbiliment fil-prinċipju tiegħu ġie deċiż permezz tar-riżoluzzjoni 1904 (2009) u li twaqqaf reċentement ħafna. Fis-sustanza, il-Kunsill tas-Sigurtà mhux minn dejjem ikkunsidra opportun li jistabbilixxi korp indipendenti u imparzjali li jkollu s-setgħa jiddeċiedi, fil-fatt u fid-dritt, fuq rikorsi intiżi kontra d-deċiżjonijiet individwali meħuda mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet. Barra minn dan, la l-mekkaniżmu tal-punt ċentrali u lanqas l-uffiċċju tal-ombudsman ma jpoġġu indiskussjoni l-prinċipju li t-tneħħija ta' persuna mil-lista tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet teħtieġ il-kunsens fi ħdan il-Kumitat. Barra minn dan, l-għażla tal-provi li jistgħu jiġu żvelati lill-parti kkonċernata tibqa' taqa' taħt id-diskrezzjoni sħiħa tal-Istat li jipproponi l-inklużjoni tiegħu fil-lista tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet, u l-ebda mekkaniżmu ma jiżgura li l-parti kkonċernata jkollha biżżejjed elementi ta' informazzjoni li jippermettulha tiddefendi ruħha b'mod effettiv (lanqas li hija tkun taf l-identità tal-Istat li talab l-inklużjoni tagħha fil-lista tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet). Mill-inqas għal dawn ir-raġunijiet, l-istabbiliment ta' punt ċentrali u ta' ombudsman ma tistax tiġi assimilata mal-istabbiliment ta' rimedju ġudizzjarju effettiv kontra d-deċiżjonijiet tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet (ara wkoll, f'dan ir-rigward, il-kunsiderazzjonijiet iddikjarati fil-punti 77, 78, 149, 181, 182 u 239 tas-sentenza Ahmed *et* tal-UK Supreme Court u l-kunsiderazzjonijiet espressi fil-punt III tad-disa' rapport tat-tim ta' monitoraġġ).

129 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-istħarriġ eżerċitat mill-qorti Komunitarja fuq il-miżuri Komunitarji ta' ffriżar ta' fondi ma jistax jiġi kkassifikat bħala effettiv jekk huwa jirrigwarda, indirettament, l-evalwazzjonijet dwar il-mertu magħmula mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet innifsu, kif ukoll l-elementi li jsejsuhom (ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza Ahmed *et* tal-UK Supreme Court, punt 81).

130 Fir-rigward, b'mod iktar speċifiku, tat-tip u tal-intensità ta' dan l-istħarriġ ġudizzjarju li l-Qorti Ġenerali għandha teżerċita, il-Kummissjoni ssostni li fis-sentenza tagħha Kadi, il-Qorti tal-Ġustizzja ma ddeċidietx fuq din il-kwistjoni (ara l-punt 91 iktar 'il fuq). Bl-istess mod, il-Kunsill isostni li l-Qorti tal-Ġustizzja ma eżaminatx dik il-kwistjoni, u lanqas ma tat xi gwida f'dan il-qasam (ara l-punti 102 u 108 iktar 'il fuq).

131 Din l-argumentazzjoni hija manifestament żbaljata.

132 Fl-ewwel lok, billi ddikjarat, wara raġunament fit-tul, li l-istħarriġ tal-legalità inkwistjoni għandu jkun "fil-prinċipju komplet", u jiġi eżerċitat "skont il-ġurisdizzjoni li [l-qrati Komunitarji] għandhom bis-saħħa tat-Trattat KE" (sentenza Kadi tal-Qorti tal-Ġustizzja, punt 326), u billi, barra minn dan, ċaħdet espliċitament it-teżi tal-Qorti Ġenerali li l-att inkwistjoni jibbenefika minn "immunità ġudizzjarja" minħabba li huwa limitat għall-implementazzjoni ta' riżoluzzjonijiet adottati mill-Kunsill tas-Sigurtà taħt il-Kapitolu VII tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti (sentenza Kadi tal-Qorti tal-Ġustizzja, punt 327), il-Qorti tal-Ġustizzja bil-kuntrarju tat indikazzjoni ċara ħafna dwar dak li normalment għandhom ikunu t-tip u l-intensità ta' dan l-istħarriġ.

133 Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet, fil-punt 336 tas-sentenza tagħha Kadi, li dan l-istħarriġ għandu b'mod partikolari jkun jirrigwarda l-legalità tal-motivi li fuqhom huwa bbażat l-att Komunitarju kkontestat. Issa, jirriżulta mill-ġurisprudenza invokata fil-punt 336 li tiġġustifika dik il-konklużjoni (ara, b'mod partikolari s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-28 ta' Ġunju 2005, Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni, C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, Ġabra p. I-5425, punt 462), li dan l-istħarriġ tal-legalità tal-motivi jestendi, b'mod partikolari, għal verifika tal-fondatezza tal-att ikkontestat kif ukoll għal difetti li bihom dan jista' jkun ivvizzjat.

134 Fit-tielet lok, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat, fil-punti 342 sa 344 tas-sentenza tagħha Kadi li jekk xi kunsiderazzjonijiet imperattivi li jikkonċernaw is-sigurtà jew it-tmexxija tar-relazzjonijiet internazzjonali tal-Komunità u tal-Istati Membri tagħha jistgħu jopponu l-komunikazzjoni ta' ċerti elementi lill-partijiet ikkonċernati, dan madankollu ma jfissirx, fid-dawl tar-rispett tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, li miżuri restrittivi bħal dawk imposti mir-regolament ikkontestat jaħarbu minn kull stħarriġ tal-qorti Komunitarja meta huwa affermat li l-att li jistabbilixxihom jittratta s-sigurtà nazzjonali u t-terroriżmu. Fl-istess każ, hija l-qorti Komunitarja li għandha timplementa, fil-kuntest tal-istħarriġ ġudizzjarju li hija teżerċita, tekniki li jippermettu li jiġu kkonċiljati, minn naħa, ix-xewqat leġittimi ta' sigurtà fir-rigward tan-natura u tas-sorsi ta' tagħrif li ttieħdu inkunsiderazzjoni għall-adozzjoni tal-att ikkonċernat u, min-naħa l-oħra, in-neċessità li l-parti fil-kawża tingħata suffiċjentement il-benefiċċju tar-Regoli tal-Proċedura.

135 Jirriżulta b'mod ċar minn dawn il-punti tas-sentenza Kadi tal-Qorti tal-Ġustizzja, kif ukoll mir-riferiment li sar għas-sentenza tal-Qorti Ewropea D.B. Chahal vs Ir-Renju Unit tal-15 ta' Novembru 1996 (Ġabra ta' sentenzi u deċiżjonijiet, 1996-V, p. 131), li l-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-intenzjoni teżerċita l-istħarriġ ġudizzjarju, "fil-prinċipju komplet", mhux biss fuq il-fondatezza apparenti tal-att ikkontestat, iżda wkoll fuq il-provi u l-informazzjoni li fuqhom huma bbażati l-evalwazzjonijiet magħmula f'dak l-att.

136 It-tim ta' monitoraġġ kien tal-istess fehma, inkwantu, fil-paragrafu 19 tad-disa' rapport tiegħu, huwa indikat li, fis-sentenza tagħha Kadi, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-proċeduri segwiti mill-Unjoni sabiex tapplika s-sanzjonijiet ippreġudikaw id-drittijiet fundamentali tal-partijiet ikkonċernati "inkwantu li l-provi li jiġġustifikaw il-miżuri restrittivi li ġew imposti fuqhom ma ġewx ikkomunikati lilhom u li, minħabba dan, ma setgħux jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom li jiddefendu lilhom infushom".

137 Il-Qorti tal-Ġustizzja, barra minn dan, reċentement ikkonfermat, fil-kuntest ta' kawża dwar l-implementazzjoni ta' sanzjonijiet previsti mir-Regolament Nru 2580/2001, li l-possibbiltà ta' "stħarriġ ġudizzjarju adegwat" tal-legalità sostantiva ta' miżura Komunitarja ta' ffriżar ta' fondi, li jirrigwarda b'mod partikolari l-"verifika ta' fatti kif ukoll ta' elementi ta' prova u ta' informazzjoni invokata insostenn tiegħu", hija indispensabbli sabiex jiġi żgurat ekwilibriju ġust bejn ir-rekwiżiti tal-ġlieda kontra t-terroriżmu internazzjonali u l-protezzjoni tal-libertajiet u tad-drittijiet fundamentali (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' Ġunju 2010, E u F, C-550/09, Ġabra p. I-6213, punt 57).

138 Fir-raba' lok, jeħtieġ jiġi rrilevat li parti sostanzjali mir-raġunijiet żviluppati mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha Kadi, fil-kuntest tal-eżami tagħha tal-motivi tar-rikorrent ibbażati fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża tiegħu u tad-dritt għal stħarriġ ġudizzjarju, huma meħuda mir-raġunijiet żviluppati mill-Qorti Ġenerali, fil-kuntest tal-eżami tagħha tal-motivi ekwivalenti invokati mir-rikorrent fil-kawża li tat lok għas-sentenza OMPI. Huwa għalhekk, b'mod partikolari, li l-punti 336, 340, 342, 343, 344, 345, 346, 348, 349, 351 u 352 tas-sentenza Kadi tal-Qorti tal-Ġustizzja jieħdu, tal-inqas, is-sustanza tal-punti korrespondenti 129, 128, 133, 156, 158, 160, 161, 162, 165, 166 u 173 tas-sentenza OMPI. Hemm lok li jiġi dedott li, billi ħaddnet l-essenzjal tal-motivazzjoni żviluppata mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza OMPI, fir-rigward tal-ksur allegat tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal stħarriġ ġudizzjarju effettiv, il-Qorti tal-Ġustizzja approvat u aċċettat il-livell u l-intensità tal-istħarriġ ġudizzjarju eżerċitat mill-Qorti Ġenerali fil-kawża li tat lok għas-sentenza OMPI.

139 Fi-rigward tat-tip u l-intensità tal-istħarriġ ġudizzjarju adegwat f'dan il-każ, hemm lok għalhekk li jiġu applikati, fil-kawża preżenti, il-prinċipji stabbiliti mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza tagħha OMPI kif ukoll fil-ġurisprudenza sussegwenti tagħha fil-qasam tal-argument previst fil-punt 82 iktar 'il fuq, dwar l-implementazzjoni tal-miżuri previsti fil-punti 32 sa 35 iktar 'il fuq.

140 F'dan ir-rigward, jeħtieġ jitfakkar li, fil-punt 153 tas-sentenza OMPI, il-Qorti Ġenerali ddikjarat li l-istħarriġ ġudizzjarju tal-legalità ta' deċiżjoni Komunitarja ta' ffriżar ta' fondi huwa dak previst fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 230 KE, li jipprovdi li l-qorti Komunitarja għandha ġurisdizzjoni tiddeċiedi fuq ir-rikorsi bbażati fuq inkompetenza, ksur ta' rekwiżiti proċedurali essenzjali, ksur tat-Trattat KE jew kull liġi li għandha x'taqsam mal-applikazzjoni tiegħu, jew l-abbuż ta' poter.

141 Il-Qorti Ġenerali rrikonoxxiet, fil-punt 159 tas-sentenza OMPI, fil-punt 137 tas-sentenza PMOI I, fil-punt 55 tas-sentenza PMOI II u fil-punt 97 tas-sentenza tat-30 ta' Settembru 2009, Sison vs Il-Kunsill (T-341/07, Ġabra II-3625), li l-istituzzjoni Komunitarja kompetenti għandha setgħa diskrezzjonali wiesgħa fir-rigward tal-elementi li għandha tqis għall-adozzjoni ta' sanzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji abbażi tal-Artikoli 60 KE, 301 KE u 308 KE, skont pożizzjoni komuni adottata skont il-Politika Barranija u ta' Sigurtà Komuni. Din is-setgħa diskrezzjonali tikkonċerna, b'mod partikolari, il-kunsiderazzjonijiet ta' kemm dawn il-miżuri, li fuqhom dawn id-deċiżjonijiet ikunu bbażati, ikunu xierqa.

142 Madankollu (ara s-sentenzi PMOI I, punt 138, u PMOI II, punt 55), għalkemm il-Qorti Ġenerali tirrikonoxxi li l-istituzzjoni Komunitarja kompetenti għandha marġni ta' diskrezzjoni f'dan il-qasam, dan ma jfissirx li hija għandha toqgħod lura milli tistħarreġ l-interpretazzjoni, minn din l-istituzzjoni, tal-informazzjoni rilevanti. Fil-fatt, il-qorti Komunitarja għandha, b'mod partikolari, mhux biss tivverifika l-eżattezza materjali tal-provi invokati, l-affidabbiltà u l-koerenza tagħhom, iżda għandha tistħarreġ ukoll jekk dawn il-provi jikkostitwixxux l-informazzjoni rilevanti kollha li għandha titqies għall-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni u jekk dawn humiex ta' natura li jissostanzjaw il-konklużjonijiet ibbażati fuqhom. Madankollu, fil-kuntest ta' dan l-istħarriġ, ma huwiex il-kompitu tagħha li tissostitwixxi l-evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-miżuri magħmula mill-istituzzjoni Komunitarja kompetenti bl-evalwazzjoni tagħha (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Novembru 2007, Spanja vs Lenzing, C-525/04 P, Ġabra p. I-9947, punt 57, u l-ġurisprudenza ċċitata).

143 Fil-punt 154 tas-sentenza OMPI (ara wkoll is-sentenza PMOI II, punt 74), il-Qorti Ġenerali diġà ddeċidiet li l-istħarriġ ġudizzjarju tal-legalità ta' deċiżjoni ta' ffriżar tal-fondi jestendi ruħu għall-evalwazzjoni tal-fatti u ċirkustanzi invokati bħala ġustifikazzjoni tagħha, kif ukoll għall-verifika tal-provi u tal-informazzjoni li fuqhom hija bbażata din l-evalwazzjoni, kif il-Kunsill kien irrikonoxxa b'mod espliċitu fin-noti tiegħu fil-kawża li tat lok għas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Settembru 2005, Yusuf u Al Barakaat International Foundation vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (T-306/01, Ġabra p. II-3533) (ara l-punt 225 ta' din is-sentenza). Il-Qorti Ġenerali għandha wkoll tiżgura r-rispett tad-drittijiet tad-difiża u tar-rekwiżit ta' motivazzjoni f'dan ir-rigward kif ukoll, fejn xieraq, tal-fondatezza tal-kunsiderazzjonijiet prevalenti eċċezzjonalment invokati mill-istituzzjoni Komunitarja kompetenti sabiex tiġi eżentata mill-imsemmi rispett.

144 Fil-punt 155 tas-sentenza OMPI (ara wkoll is-sentenza PMOI II, punt 75), il-Qorti Ġenerali tirrileva li, f'dan il-każ, dan l-istħarriġ jirriżulta iktar indispensabbli għaliex huwa jikkostitwixxi l-unika garanzija proċedurali li tippermetti li jiġi żgurat ekwilibriju ġust bejn ir-rekwiżiti tal-ġlieda kontra t-terroriżmu internazzjonali u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. Peress li l-limitazzjonijiet imposti mill-istituzzjonijiet Komunitarji kompetenti fuq id-drittijiet tad-difiża tal-partijiet interessati għandhom ikunu kkumpensati permezz ta' stħarriġ ġudizzjarju strett li huwa indipendenti u imparzjali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' Mejju 2006, Eurofood IFSC, C 341/04, Ġabra p. I-3813, punt 66), il-qorti Komunitarja għandha tkun fil-pożizzjoni li tistħarreġ il-legalità u l-fondatezza tal-miżuri ta' ffriżar ta' fondi, mingħajr ma jkunu jistgħu jiġu invokati kontriha s-segretezza jew il-kunfidenzjalità tal-provi u ta' informazzjoni użati mill-istituzzjoni Komunitarja kompetenti (sentenza OMPI, punt 155).

145 F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali żiedet, fil-punt 73 tas-sentenza PMOI II, li l-Kunsill ma jistax jibbaża d-deċiżjoni tiegħu ta' ffriżar ta' fondi fuq informazzjoni jew fuq elementi fil-proċess ikkomunikati minn Stat Membru, jekk dan l-Istat Membru mhux lest li jawtorizza l-komunikazzjoni tagħhom lill-qorti Komunitarja li għandha s-setgħa ta' stħarriġ tal-legalità ta' din id-deċiżjoni. Fil-punt 76 tas-sentenza PMOI II, il-Qorti Ġenerali rrilevat li r-rifjut tal-Kunsill u tal-awtoritajiet Franċiżi li jikkomunikaw, anki lilha biss, l-informazzjoni li fuqha huwa bbażat l-att ikkontestat f'dan il-każ, għandu għaldaqstant il-konsegwenza li ma jippermettix lil din il-qorti

l-eżerċizzju tal-istħarriġ tagħha fir-rigward tal-legalità tad-deċiżjoni kkontestata. Fil-punt 76 tas-sentenza PMOI II, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li f'dawn iċ-ċirkustanzi kien ġie ppreġudikat id-dritt fundamentali tar-rikorrenti għal stħarriġ ġudizzjarju effettiv.

146 Fil-punt 156 tas-sentenza OMPI, il-Qorti Ġenerali enfasizzat ukoll, f'dan ir-rigward li, minkejja li l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tirrikonoxxi li l-użu ta' informazzjoni kunfidenzjali jista' jirriżulta indispensabbli meta s-sigurtà nazzjonali hija fil-periklu, dan ma jfissirx, fl-opinjoni tagħha, li l-awtoritajiet nazzjonali jevitaw kull stħarriġ tal-qrati nazzjonali billi jaffermaw li l-każ jikkonċerna s-sigurtà nazzjonali u t-terroriżmu (ara Qorti Ewropea D.B., is-sentenzi Chahal vs Ir-Renju Unit, iċċitata iktar 'il fuq, p. 131, u l-ġurisprudenza ċċitata, u Öcalan vs It-Turkija tat-12 ta' Marzu 2003, Nru 46221/99, mhux ippubblikata fil-Ġabra tas-sentenzi u deċiżjonijiet, p. 106, u l-ġurisprudenza ċċitata).

147 Fil-punt 158 tas-sentenza OMPI, il-Qorti Ġenerali żiedet li ma huwiex neċessarju tieħu pożizzjoni, fil-kuntest ta' dan ir-rikors, dwar il-kwistjoni ta' jekk ir-rikorrent u/jew l-avukati tiegħu jistgħux jirċievu komunikazzjoni tal-provi u ta' informazzjoni li huma allegatament kunfidenzjali, jew jekk il-komunikazzjoni tagħhom għandhiex tiġi riżervata biss għall-Qorti Ġenerali, skond proċedura partikolari li għadha trid tiġi ddefinita b'mod li tħares l-interessi pubbliċi inkwistjoni filwaqt li tagħti lill-parti kkonċernata livell suffiċjenti ta' protezzjoni ġudizzjarja.

148 Ma' dawn il-kusiderazzjonijiet stabbiliti fil-ġurisprudenza, li joħorġu mis-sentenza OMPI, jeħtieġ jiżdiedu ċerti kunsiderazzjonijiet ibbażati fuq in-natura u l-effetti ta' miżuri ta' ffriżar ta' fondi bħal dawk f'dan il-każ, mifhuma fid-dimensjoni temporali tagħhom.

149 Dawn il-miżuri huma fil-fatt partikolarment oppressivi għal dawk li huma suġġetti għalihom. Ir-rikorrent ilu ssuġġettat, għal kważi għaxar snin, għal sistema li tiffriża indefinittivament it-totalità tal-fondi tiegħu u assi oħrajn, li ma jistax jieħu lura qabel ma jkun kiseb deroga mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet. Fil-punt 358 tas-sentenza tagħha Kadi, il-Qorti kienet diġà rrilevat li r-restrizzjoni għall-użu tad-dritt għall-proprjetà tar-rikorrent li ssarraf fih il-miżura ta' ffriżar tal-fondi tiegħu għandha titqies li hija kunsiderevoli fid-dawl tal-portata ġenerali tagħha u fid-dawl tal-fatt li din ilha applikabbli għalih mill-20 ta' Ottubru 2001. Fis-sentenza tagħha Ahmed *et* (punti 60 u 192), il-UK Supreme Court qieset li ma tkunx eżaġerata d-dikjarazzjoni li l-persuni hekk indikati huma fil-fatt "ħabsin" tal-awtoritajiet statali: il-libertà tal-moviment tagħhom hija severament ristretta peress li ma għandhomx aċċess għall-fondi tagħhom, u l-effetti tal-iffriżar tal-fondi, fuqhom u fuq il-familji tagħhom jistgħu jkunu devastanti.

150 Hija wkoll permessa l-mistoqsija dwar jekk għandhiex, issa li għaddew għaxar snin minn meta ġew iffriżati l-fondi tar-rikorrent, tiġi kkontestata l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali fil-punt 248 tas-sentenza tagħha Kadi, u meħuda fis-sustanza mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 358 tas-sentenza tagħha Kadi, li tgħid li l-iffriżar ta' fondi hija miżura kawtelatorja li, b'differenza minn konfiska, ma tippreġudikax is-sustanza tad-dritt għall-proprjetà ta' dawk ikkonċernati mill-assi finanzjarji tagħhom, iżda biss l-użu tagħhom. Din tapplika wkoll għall-affermazzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà, imfakkra bosta drabi, b'mod partikolari fir-riżoluzzjoni tiegħu 1822 (2008), li tgħid li l-miżuri inkwistjoni "huma ta' natura preventiva u huma indipendenti mil-liġijiet kriminali tad-dritt intern". Fil-livell tal-ħajja umana, għaxar snin jirrappreżentaw fil-fatt tul ta' żmien kunsiderevoli, u l-klassifikazzjoni tal-miżuri inkwistjoni bħala ta' natura preventiva jew repressiva, kawtelatorja jew konfiskatorja, ċivili jew kriminali, tidher li għadha miftuħa (ara wkoll, f'dan is-sens, id-disa' rapport tat-tim ta' monitoraġġ, paragrafu 34). Dan huwa wkoll il-parir tal-Kummissarju għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-drittijiet tal-bniedem li, f'rapport lill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti tat-2 ta' Settembru 2009, bit-titolu "Report [...] on the protection of human rights

and fundamental freedoms while countering terrorism" (dokument A/HRC/12/22, punt 42), jindika kif ġej:

"Id-deċiżjonijiet individwali ta' inklużjoni fil-lista li huma attwalment bla limitu ta' żmien, jistgħu jwasslu għal stat fejn l-iffriżar ta' fondi temporanju jsir permanenti, li jista' mbagħad isir ekwivalenti għal piena kriminali minħabba s-severità tas-sanzjoni. Dan jista' jmur lil hinn mill-għan tan-Nazzjonijiet Uniti li tiġi miġġielda t-theddida terrorista magħmula minn każ individwali. Barra minn dan, ma teżisti l-ebda uniformità dwar l-istandards tal-provi u l-proċeduri. Dan jirriżulta fi problemi serji fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, peress li d-deċiżjonijiet kriminali kollha għandhom ikunu ġudizzjarji u suġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju."

151 Minkejja li d-diskussjoni ta' din il-kwisjoni tmur lil hinn mill-kuntest ta' din il-kawża, kif definita mill-motivi espressi fir-rikors, il-Qorti Ġenerali tikkunsidra li l-prinċipju ta' stħarriġ ġudizzjarju komplet u rigoruż ta' miżuri ta' ffriżar ta' fondi bħal dawk f'dan il-każ huwa iktar ġġustifikat mill-miżuri li jaffettwaw b'mod sensittiv u għal tul ta' żmien id-drittijiet fundamentali ta' dawk ikkonċernati, peress li hija ammessa l-premessa, stabbilita mis-sentenza Kadi tal-Qorti tal-Ġustizzja, li ma għandha tingħata l-ebda immunità ġudizzjarja lil tali atti abbażi tal-fatt li dawn jipprevedu li jimplementaw riżoluzzjonijiet adottati mill-Kunsill tas-Sigurtà taħt il-Kapitolu VII tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.

152 Huwa fid-dawl u bil-benefiċċju tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti li jeħtieġ li għandu jsir l-eżami tat-tieni u l-ħames motivi.

*Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva*

L-argumenti tal-partijiet

153 Ir-rikorrent, li jirreferi, b'mod partikolari, għas-sentenza Kadi tal-Qorti tal-Ġustizzja (punti 336, 337, 346 u 352), għall-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali M. Poiares Maduro rilevanti għall-imsemmija sentenza, iċċitati itkar 'il fuq (punt 52), u għas-sentenzi OMPI (punti 138 u 144), PMOI I (punti 131 u 176 ), u PMOI II (punti 56 u 73), jinsisti fuq in-natura fundamentali tad-dritt fundamentali għal smigħ mill-awtoritajiet amministrattivi u tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, fil-kuntest tal-adozzjoni ta' miżura ta' ffriżar ta' fondi. Huwa jirrileva li d-drittijiet tiegħu ma ġewx irrispettati mill-istituzzjonijiet Komunitarji fil-kawżi li taw lok għal dawn is-sentenzi (sentenza Kadi tal-Qorti tal-Ġustizzja, punti 334, 345, 346 u 348 sa 352; konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali M. Poiares Maduro fis-sentenza, iċċitati iktar 'il fuq, punt 55 ; sentenzi OMPI, punti 165 u 173, PMOI I, punti 177 sa 186, u PMOI II, punti 41 u 44).

154 Ir-rikorrent iżid li l-importanza tal-obbligu tal-istituzzjonijiet Komunitarji li jikkomunikaw il-fatti, il-provi u l-elementi tal-proċess li fuqhom hija bbażata deċiżjoni ta' ffriżar ta' fondi hija enfasizzata min-natura tal-istħarriġ ġudizzjarju f'dan il-kuntest. Fl-opinjoni tiegħu, il-Qorti Ġenerali għandha tkun f'pożizzjoni li teżegwixxi stħarriġ komplet u effettiv tal-korrettezza tal-fatti, tal-provi u tal-informazzjoni li jservu bħala bażi għad-deċiżjoni ta' inklużjoni fl-Anness I tar-Regolament Nru 881/2002, bil-għan li jiġi deċiż jekk jeżistux raġunijiet raġonevoli u provi suffiċjenti għal din id-deċiżjoni u jekk jeżistix jew le żball ta' evalwazzjoni.

155 Ir-rikorrent jikkunsidra li, permezz tal-adozzjoni tar-regolament ikkontestat, il-Kummissjoni mill-ġdid kisret b'mod gravi l-obbligi esposti b'mod ċar fis-sentenzi Kadi tal-Qorti tal-Ġustizzja, OMPI, PMOI I u PMOI II.

156 Fl-ewwel lok, minkejja s-sentenza Kadi tal-Qorti tal-Ġustizzja (punt 352), la r-Regolament Nru 881/2002 u lanqas ir-regolament ikkontestat ma jipprevedu proċedura sabiex jiġu kkomunikati lilu l-provi li fuqhom hija bbażata d-deċiżjoni li jiġu ffriżati l-assi tiegħu jew li tippermettilu jifformula osservazzjonijiet fuq dawn il-provi.

157 Fit-tieni lok, is-sempliċi komunika tas-sunt tar-raġuniijiet lir-rikorrent ma tistax raġonevolment titqies li tissodisfa l-eżiġenzi ta' proċedura ekwa u ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva. Is-sunt tar-raġunijiet fih numru ta' allegazzjonijiet ġenerali, infondati, vagi u mhux preċiżi fil-konfront tal-rikorrent. Ma tressqet l-ebda prova insostenn ta' dawn l-allegazzjonijiet gravi. F'dawn iċ-ċirkustanzi, huwa impossibbli għar-rikorrent li jiċħad dawn l-akkużi magħmula kontrih u li b'risposta jressaq b'mod effettiv l-opinjoni tiegħu. B'mod partikolari:

— is-sunt tar-raġunijiet jindika li r-rikorrent "jissodisfa" l-"kriterji ta' inklużjoni" sabiex jittniżżel fil-lista tan-Nazzjonijiet Uniti, iżda ma jindikax liema aspetti ta' dawn il-kriterji [ara, f'dan ir-rigward, il-paragrafu 2 tar-riżoluzzjoni 1822 (2008)] ir-rikorrent huwa meqjus li jissodisfa; konsegwentement, ir-rikorrent ma jafx jekk huwiex meqjus li jipparteċipa f'attivitajiet ta' Al-Qaida, tat-Taliban jew ta' grupp ieħor, jew jekk organizzahomx jew appoġġahomx;

— skont is-sunt tar-raġunijiet, ir-rikorrenti kien azzjonarju importanti ta' bank li fih "setgħu saru xi laqgħat dwar il-preparazzjoni ta' attentat kontra stabbilimenti Amerikani fl-Għarabja Sawdita [Arabja Sawdija]"; ma teżisti l-ebda indikazzjoni dwar l-attakk inkwistjoni, l-istabbiliment, id-data, it-twettiq effettiv ta' dawn

il-laqgħat, l-allegata rabta ma' Al-Qaida jew dwar l-allegata parteċipazzjoni tar-rikorrent;

— skont is-sunt tar-raġunijiet, ir-rikorrent ħatar lill-M. Ayadi f'kariga fi ħdan il-Fondazzjoni Muwafaq u M. Ayadi "kien jaġixxi taħt kuntratti" ma' Usama bin Laden; in-natura ta' dawn l-allegati kuntratti ma hijiex speċifikata, u lanqas ir-raġunijiet għal xiex allegata rabta ma' M. Ayadi tiġġustifika ż-żamma tal-iffriżar tal-assi tar-rikorrent; jidher li M. Ayadi u r-rikorrent huma t-tnejn inklużi fl-Anness I tar-Regolament Nru 881/2002 minħabba r-rabtiet reċiproċi tagħhom; skont ir-rikorrent, il-fatt li persuna tiġi inkluża fl-imsemmi anness sempliċement abbażi ta' rabta allegata ma' persuna oħra jikkostitwixxi raġunament purament ċirkulari;

— skont is-sunt tar-raġunijiet, ir-rikorrent "huwa proprjetarju ta' numru ta' kumpanniji fl-Albanija li pprovdew fondi lil estremisti jew li impjegaw estremisti f'karigi li fihom kienu jikkontrollaw il-fondi tal-kumpanniji"; ma ġiet prodotta l-ebda informazzjoni dwar il-kumpanniji, il-fondi, id-data, l-estremisti jew l-allegata parteċipazzjoni tar-rikorrent; huwa jenfasizza li, wara inkjesta dettaljata fuq l-attivitajiet fl-Albanija, l-inkjesta kriminali fil-konfront tiegħu f'dan il-pajjiż ġiet abbandunata minħabba nuqqas ta' provi;

— is-sunt tar-raġunijiet sempliċement jerġa' jirrepeti u jafferma, fi kliem kważi identiku, uħud mir-raġunijiet mogħtija mill-Uffiċċju għall-Kontroll ta' Assi Barranin (Office of Foreign Assets Control, jew OFAC) tal-ministeru tal-Finanzi Amerikan sabiex jiġu ffriżati l-assi tar-rikorrent fl-Istati Uniti.

158 Huwa essenzjali li r-rikorrent jiġi ppreżentat bl-elementi miżmuma fil-konfront tiegħu mill-Kummissjoni, b'tali mod li jingħata l-opportunità vera li jirrispondi u li jispjega l-pożizzjoni tiegħu. Ir-rikorrent jirrileva li, kull darba li huwa ngħata l-opportunità sinjifikattiva li jagħti l-opinjoni tiegħu u jikkontesta l-provi, huwa rnexxielu jagħmel dan b'suċċess. Barra minn dan, l-inkjesta kriminali mmexxija kontra tiegħu fl-Isvizzera ġiet abbandunata f'Diċembru 2007 wara investigazzjoni ddettaljata ta' iktar minn sitt snin. Inkjesti simili fit-Turkija u fl-Albanija ngħalqu wara li l-investigazzjonijet wrew li ma kienet teżisti l-ebda raġuni sabiex jinfetħu proċeduri kontra tiegħu.

159 Ir-rikorrent iqis ukoll li l-elementi invokati li jiskaġunawh huma ta' importanza fundamentali u li l-Kummissjoni mhux talli ma tistax tinjorhom, iżda hija obbligata teżaminahom fuq bażi individwali u li tieħu deċiżjoni motivata dwar jekk, fid-dawl tal-elementi, jeżistux provi konvinċenti li jiġġustifikaw iż-żamma tal-iffriżar tal-fondi tiegħu. Barra minn dan, ir-rikorrent isostni li l-Kummissjoni ma tistax tinjora l-provi abbażi tal-fatt li l-elementi użati fil-kuntest ta' inkjesta kriminali jistgħu jkunu suġġetti għal "rekwiżiti differenti f'materja ta' prova". Fl-opinjoni tiegħu, r-rekwiżiti tal-prova f'materja kriminali huma pjuttost adattati għal miżuri ta' ffriżar tal-fondi bħal dawk f'dan il-każ.

160 Barra minn dan, is-sunt tar-raġunijiet ma jippermettix li tiġi żgurata protezzjoni ġudizzjarja effettiva, peress li ma fihx biżżejjed informazzjoni li tippermetti lil Qorti tiddetermina jekk id-deċiżjoni li jinżamm l-iffriżar tal-fondi tiegħu hijiex leġittima u fondata fuq provi inkonfutabbli tal-allegata theddida attwali jew futura li hija tirrappreżenta, jekk hijiex fondata fuq żball ta' evalwazzjoni manifest jew jekk il-fatti humiex materjalment korretti.

161 Fit-tielet lok, ir-rikorrent issostni li l-Kummissjoni interpretat u applikat b'mod żbaljat is-sentenza Kadi tal-Qorti tal-Ġustizzja billi kkunsidrat, fl-ittra tat-8 ta' Diċembru 2008, li l-kriterji li għandhom jiġu applikati għal deċiżjoni ta' ffriżar ta' fondi huma dawk esposti fin-nota interpretattiva tar-"rakkomandazzjoni speċjali III

dwar il-finanzjament tat-terroriżmu" tal-GAFI, dwar jekk jeżistux "motivi raġonevoli jew bażi raġonevoli li tippermetti li jiġi ssuspettat jew maħsub li persuna jew entità hija terrorista, persuna li tiffinanzja t-terroriżmu jew organizzazzjoni terrorista".

162 Skont ir-rikorrenti, il-Qorti tal-Ġustizzja fil-fatt iddeċidiet li l-istituzzjonijiet Komunitarji ma jistgħux jimponu ffriżar ta' fondi għas-sempliċi raġuni li huma jikkunsidraw (u ħafna inqas minħabba li n-Nazzjonijiet Uniti jikkunsidraw) li jeżistu "motivi raġonevoli" jew "bażi raġonevoli" li tippermetti li jiġi ssuspettat jew maħsub xi ħaġa, mingħajr ma jagħtu lill-parti kkonċernata l-provi insostenn ta' dan is-suspett jew ta' dik il-konvinzjoni. L-istituzzjonijiet Komunitarji ma jistgħux sempliċement jużaw sunt ta' akkużi fformulat min-Nazzjonijiet Uniti, f'verżjoni riċiklata ta' akkużi Amerikani, iżda għandhom huma stess jippreżentaw "provi serji u kredibbli", "informazzjoni korretta jew [...] elementi tal-proċess" u "raġunijiet speċifiċi u konkreti" li abbażi tagħhom iż-żamma tal-iffriżar tal-fondi tibqa ġustifikata. Huma għandhom ukoll jippermettu lill-parti kkonċernata jkollha "konoxxenza sħiħa" tal-fatti u taċ-ċirkustanzi li jiġġustifikaw l-iffriżar tal-assi tagħha, tal-provi u tal-informazzjoni li fuqhom hija bbażata, u tal-informazzjoni suffiċjenti bil-għan li jiddetermina jekk jkunx sar żball materjali. Xejn minn dan ma ġara f'dan il-każ, anki wara li r-rikorrent talab espressament li jingħata aċċess għall-fatti u għall-provi li fuqhom huma bbażati l-allegazzjonijiet ifformulati fis-sunt tar-raġunijiet.

163 Fir-raba' lok, huwa b'mod żbaljat li l-Kummissjoni tippretendi li tiġġustifika l-approċċ tagħha billi tinvoka "n-natura preventiva" tal-miżuri ta' ffriżar tal-fondi li, fl-opinjoni tagħha, tiġġustifika r-rifjut tagħha li tiżvela lir-rikorrent il-provi li jsejsu d-deċiżjoni tagħha li żżomm l-iffriżar tal-assi tiegħu. Skont is-sentenza Kadi tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kuntest rilevanti ma huwiex in-natura "preventiva" ta' tali miżura, iżda pjuttost in-natura insidjuża u l-gravità tagħha kif ukoll il-preġudizzju serju għad-drittijiet fundamentali tal-parti kkonċernata, li tkun teħtieġ iktar flok inqas protezzjoni ġudizzjarja. Il-punt 2 tan-noti interpretattivi tar-"rakkomandazzjoni speċjali III dawr il-finanzjament tat-terroriżmu", iċċitata iktar 'il fuq, barra minn dan jirrikonoxxi li

l-għanijiet tal-miżuri ta' ffriżar ta' fondi rrakkomandati ma humiex biss preventivi, iżda wkoll punittivi.

164 Fil-ħames lok, l-uniċi ċirkustanzi li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja tipprevedi li l-istituzzjonijiet jista' jkollhom id-dritt li ma jiżvelawx il-provi relattivi għal miżuri bħal dawn huma "kunsiderazzjonijiet imperattivi li jikkonċernaw is-sigurtà jew it-tmexxija tar-relazzjonijiet internazzjonali tal-Komunità u tal-Istati Membri tagħha", li "jistgħu jopponu l-komunikazzjoni ta' ċerti elementi lill-partijiet ikkonċernati u, għaldaqstant, għas-smigħ tagħhom fuq dawn l-elementi." (sentenza Kadi tal-Qorti tal-Ġustizzja, punti 342 sa 344).

165 Dawn iċ-ċirkustanzi ma jeżistux f'dan il-każ. B'mod partikolari, il-Kummissjoni ma ppreżentat l-ebda raġuni kredibbli li abbażi tagħha l-iżvelar tal-ittra tar-rappreżentant permanenti ta' Franza fl-Unjoni jew ta' kwalukwe prova kontra r-rikorrent jista' jippreġudika r-relazzjonijiet internazzjonali tal-Unjoni.

166 Il-Kummissjoni twieġeb li, skont id-dritt tiegħu għal smigħ, ir-rikorrent ingħata l-possibbiltà li jippreżenta l-argumenti tiegħu waqt il-proċedura ta' adozzjoni tar-regolament ikkontestat. Is-sunt tar-raġunijiet ikkomunikat mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet lir-rappreżentant permanenti ta' Franza fl-Unjoni u trażmess minnu lill-Kummissjoni ntbagħat l-għada lir-rikorrent u lill-avukati tiegħu, b'hekk ingħata wkoll il-possibbiltà li jesprimi l-opinjoni tiegħu u li jikkomunika l-osservazzjonijiet tiegħu fuq il-mertu. Ir-rikorrent irrisponda permezz ta' ittra tal-10 ta' Novembru 2008. Wara li eżaminat bir-reqqa l-osservazzjonijiet tiegħu, il-Kummissjoni ħadet id-deċiżjoni li tinkludih fl-Anness I tar-Regolament Nru 881/2002. Dan ir-Regolament, flimkien ma' ittra, ġie mibgħut bil-posta lir-rikorrent u lill-avukati tiegħu.

167 Billi effettivament instema' waqt il-proċedura amministrattiva, ir-rikorrent kien barra minn dan f'pożizzjoni sħiħa li jikkonstata l-motivazzjoni tar-regolament ikkontestat fil-kuntest ta' dan ir-rikors, b'mod konformi mad-dritt tiegħu għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

168 Fir-rigward tar-rispett lejn id-drittijiet tad-difiża, il-Kunsill iqis ukoll li l-Kummissjoni kkorreġiet, waqt il-proċedura ta' adozzjoni tar-regolament ikkontestat, id-difett proċedurali identifikat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha Kadi, billi kkomunikat lir-rikorrent l-elementi kollha miżmuma kontrih, jiġifieri l-unika sunt tar-raġunijiet, billi poġġietu f'pożizzjoni li jesprimi effettivament l-opinjoni tiegħu f'dan ir-rigward u billi debitament ħadet inkunsiderazzjoni dan kollu.

169 Il-Kunsill iqis għalhekk li l-proċeduri riveduti jippermettu wkoll li l-Qorti Ġenerali teżegwixxi l-funzjoni ta' stħarriġ, u b'hekk ġie rrispettat id-dritt tar-rikorrenti għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

170 Il-Kunsill iżid li l-garanziji proċedurali supplementari implementati f'dan il-każ mill-Kummissjoni, wara s-sentenza Kadi tal-Qorti tal-Ġustizzja, jikkorrispondu ma' dawk implementati minnu stess wara s-sentenza OMPI. Issa, dawk il-garanziji ġew approvati mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza PMOI I. Il-Kunsill ma jikkonstata l-ebda differenza fil-fatt jew fid-dritt li tista' twassal lill-Qorti Ġenerali għal konklużjoni differenti f'dan il-każ.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

171 Fil-kuntest ta' stħarriġ ġudizzjarju "fil-prinċipju komplet" tal-legalità tar-regolament ikkontestat fir-rigward tad-drittijiet fundamentali (sentenza Kadi tal-Qorti tal-Ġustizzja, punt 326), u minħabba li r-regolament ma jibbenefikax minn xi "immunità ġudizzjarja" (sentenza Kadi tal-Qorti tal-Ġustizzja, punt 327), jirriżulta evidentement mill-argumenti u l-ispjegazzjonijiet imressqa mill-Kummissjoni u mill-Kunsill, b'mod partikoari fil-kuntest tal-osservazzjonijiet preliminari tagħhom dwar il-livell ta' stħarriġ ġudizzjarju adegwat f'dan il-każ, li d-drittijiet tad-difiża tar-rikorrent ma ġewx "irrispettati" ħlief b'mod purament formali u apparenti, peress li l-Kummissjoni qieset ruħha marbuta b'mod rigoruż mill-evalwazzjonijiet tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet u għalhekk fl-ebda ħin ma pprevediet li tikkontesthom fid-dawl tal-osservazzjonijiet tar-rikorrent.

172 Il-Kummissjoni b'hekk ma ħaditx debitament inkunsiderazzjoni l-opinjoni espressa mill-parti kkonċernata, minkejja dak li ddikjarat fil-kunsiderazzjonijiet 4 sa 6 tar-regolament ikkontestat, u b'hekk ir-rikorrent ma tpoġġiex f'pożizzjoni li jesprimi b'mod effettiv l-opinjoni tiegħu.

173 Barra minn dan, il-proċedura segwita mill-Kummissjoni, wara t-talba tar-rikorrent, ma tatu l-ebda aċċess, lanqas wieħed minimu, għall-provi miżmuma kontra tiegħu. Fir-realtà, dan l-aċċess ġie rrifjutat lill-parti kkonċernata minkejja t-talba espressa tiegħu, mingħajr ebda bbilanċjar tal-interessi tiegħu fir-rigward tan-neċessità li tiġi protetta l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni inkwistjoni (ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza Kadi tal-Qorti tal-Ġustizzja, punti 342 sa 344).

174 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-ftit elementi ta' informazzjoni u l-allegazzjonijiet vagi inklużi fis-sunt tar-raġunijiet jidhru li kienu manifestament insuffiċjenti biex jippermettu lir-rikorrent jiċħad b'mod effikaċi l-akkużi mressqa kontrih, fir-rigward tal-allegata parteċipazzjoni tiegħu f'attivitajiet terroristiċi.

175 Dan jgħodd ukoll, bħala eżempju partikolarment sinjfikattiv, iżda mhux eżawrjenti, għall-allegazzjoni, imkien iktar sostanzjata u li ma tistax, għalhekk, tiġi b'xi mod ikkontestata, li tgħid li r-rikorrent kien azzjonarju ta' bank Bosnijakk li fih "setgħu saru" xi laqgħat dwar il-preparazzjoni ta' attentat kontra stabbiliment Amerikan fl-Arabja Sawdija.

176 Din il-konklużjoni hija konformi ma' dik milħuqa mill-Qorti Ewropea D.B. fis-sentenza tagħha A. *et* vs Ir-Renju Unit tad-19 ta' Frar 2009 (li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra ta' sentenzi u deċiżjonijiet). F'din is-sentenza, il-Qorti Ewropea D.B. fakkret li, meta persuna tiġi mċaħħda mil-libertà abbażi tal-eżistenza ta' motivi raġonevoli għal suspett li hija wettqet ksur, il-proċeduri ġusti ggarantiti mill-Artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (KEDB) jeżiġu li din għandha tingħata l-opportunità li tikkontesta b'mod effettiv l-allegazzjonijiet magħmula kontra tagħha, fatt li jippreżumi, b'mod ġenerali, il-komunikazzjoni tal-provi kollha kontra tagħha. Il-Qorti Ewropea D.B. fakkret ukoll ir-restrizzjonijiet li jistgħu jsiru fir-rigward tad-dritt għall-komunikazzjoni tal-provi kollha rilevanti, fil-preżenza ta' interess pubbliku importanti li jipproteġi l-kunfidenzjalità, pereżempju sabiex jiġu protetti xhieda vulnerabbli jew sorsi ta' informazzjoni, bil-kundizzjoni li l-persuna detenuta tikonserva l-possibbiltà li tikkontesta l-allegazzjonijiet b'mod effettiv. Il-Qorti Ewropea D.B. għaldaqstant ipproċediet għal evalwazzjoni ta' każ b'każ tan-natura suffiċjenti jew le, għall-eżerċizzju tad-drittijiet tad-difiża, ta' informazzjoni u ta' provi kkomunikati lir-rikorrenti u kkonkludiet li hemm ksur tal-Artikolu 5(4) tal-KEDB fil-każ fejn l-elementi mhux kunfidenzjali kienu jikkonsistu esklużivament f'dikjarazzjonijiet ġenerali u fejn il-Qorti nazzjonali bbażat ruħha unikament jew b'mod determinanti fuq dokumenti sigrieti. Barra minn dan, fil-każ fejn l-akkużi mhux kunfidenzjali magħmula kontra ċerti rikorrenti jinkludu allegazzjonijiet preċiżi dwar, pereżempju, ix-xiri ta' tagħmir tat-telekomunikazzjoni identifikati b'mod ċar, il-pussess ta' dokumenti relatati ma' terroristi preżunti indikati b'isimhom u l-laqgħat ma' dawn it-terroristi preżunti f'postijiet u dati determinati, il-Qorti D.B. qieset li l-allegazzjonijiet inkwistjoni kienu suffiċjentement dettaljati sabiex il-partijiet kkonċernati jkunu jistgħu jikkontestawhom b'mod effettiv. Min-naħa l-oħra, fil-każ fejn ċerti rikorrenti ġew essenzjalment akkużati li ġabru fondi ddestinati għal organizzazzjoni terroristiċi marbuta ma' Al-Qaida, u fejn irriżulta minn informazzjoni mhux kunfidenzjali li tikkonċernhom, li ġew trasferiti somom rilevanti f'kontijiet bankarji u li permezz ta' frodi ġabru fondi, iżda fejn il-provi li mistennija juru r-rabta bejn il-flus miksuba u t-terroriżmu ġew moħbija mir-rikorrenti, il-Qorti Ewropea D.B. qieset li dawn ma kinux f'pożizzjoni li verament jikkontestaw l-ilmenti fil-konfront tagħhom. Bl-istess mod, fil-każ fejn l-akkużi mhux kunfidenzjali kontra ċerti rikorrenti, principalment

ibbażati fuq l-appartenenza preżunta tal-partijiet ikkonċernati ma' organizzazzjonijiet Iżlamiċi radikali marbuta ma' Al-Qaida, kienu ta' natura ġenerali ħafna u fejn il-provi kontra tagħhom kienu jinsabu essenzjalment f'dokumenti sigrieti, il-Qorti Ewropea D.B. qieset li l-partijiet ikkonċernati ma kinux f'pożizzjoni li jikkontestaw b'mod effettiv l-allegazzjonijiet ifformulati kontra tagħhom.

177 Meta jiġu applikati kriterji identiċi għal dawk implementati mill-Qorti D.B. għal fatti ta' dan il-każ, jidher b'mod ċar li r-rikorrent ma tpoġġiex f'pożizzjoni li jikkontesta b'mod effettiv ebda waħda mill-allegazzjonijiet formulati kontra tiegħu, billi sempliċement ġie kkomunikat bis-sunt tar-raġunijiet. Il-Qorti Ġenerali tirrikonoxxi espressament, f'dan ir-rigward, il-fondatezza tal-osservazzjonijiet u tal-argumenti kollha tar-rikorrent miġbura fil-punt 157 iktar 'il fuq.

178 Huwa sinjifikattiv ukoll li l-Kummissjoni ma għamlet l-ebda sforz serju sabiex tiċħad il-provi li jiskaġunaw imressqa mir-rikorrent, fil-każijiet rari fejn l-allegazzjonijiet ifformulati kontra tiegħu kienu suffiċjentement preċiżi b'tali mod li jippermettulu jifhem dak li bih huwa ġie akkużat.

179 Isegwi li r-regolament ikkontestat ġie adottat bi ksur tad-drittijiet tad-difiża tar-rikorrent.

180 Barra minn dan, il-possibbiltà li r-rikorrent jinstema' mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet, fil-kuntest tal-proċedura ta' eżami mill-ġdid, bil-ħsieb li jitneħħa mil-lista ta' dan il-Kumitat, tidher manifestament li ma tistax tirrimedja dan il-ksur tad-drittijiet tiegħu tad-difiża (ara f'dan is-sens is-sentenza Kadi tal-Qorti tal-Ġustizzja, punti 319 sa 325, u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali M. Poiares Maduro fis-sentenza, iċċitati iktar 'il fuq, punt 51).

181 Barra minnn dan, peress li ma kellu l-ebda aċċess utli għall-informazzjoni u għall-provi kontra tiegħu u fid-dawl tar-relazzjonijiet, diġà rilevati mill-qrati Komunitarji, li jeżistu bejn id-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, ir-rikorrent ma setax jiddefendi d-drittijiet tiegħu fir-rigward tal-imsemmija provi f'kundizzjonijiet sodisfaċenti quddiem il-qorti Komunitarja, b'tali mod li għandu wkoll jiġi kkonstatat ksur tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva (ara f'dan is-sens is-sentenza Kadi tal-Qorti tal-Ġustizzja, punt 349).

182 Hemm lok jiġi kkonstatat li dan il-ksur ma ġiex irrimedjat fil-kuntest ta' dan ir-rikors. Fil-fatt peress li ebda element ta' din in-natura ma jista' jkun is-suġġett ta' stħarriġ mill-qorti Komunitarja, skont il-pożizzjoni prinċipali adottata mill-Kummissjoni u sostnuta mill-Kunsill u mill-Gvernijiet intervenjenti, dawn l-istituzzjonijiet ma ressqu l-ebda element għal dan il-għan (ara f'dan is-sens is-sentenza Kadi tal-Qorti tal-Ġustizzja, punt 350). Barra minn dan, għalkemm il-Kummissjoni ħadet nota, fil-kuntest ta' dan ir-rikors, tat-tagħlim tas-sentenza Kadi tal-Qorti tal-Ġustizzja, jeħtieġ jiġi kkonstatat li din l-istituzzjoni ma tat l-ebda indikazzjoni dwar il-provi miżmuma kontra r-rikorrent.

183 Il-Qorti Ġenerali għaldaqstant tista' biss tikkonstata li hija ma hijiex f'pożizzjoni li tipproċedi għall-istħarriġ tal-legalità tar-regolament ikkontestat, b'tali mod li għandu jiġi konkluż li, għal dan il-motiv ukoll, id-dritt fundamentali għal rimedju ġudizzjarju effettiv li minnu jibbenefika r-rikorrent, f'dan il-każ, ma ġiex irrispettat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Kadi tal-Qorti tal-Ġustizzja, punt 351).

184 Għaldaqstant, għandu jiġi deċiż li r-regolament ikkontestat ġie adottat mingħajr ma jipprovdi garanzija reali fir-rigward tal-komunikazzjoni tal-informazzjoni u tal-provi meqjusa kontra r-rikorrent jew fir-rigward tal-possibbiltà tiegħu li jinstema' b'mod utli u effettiv f'dan ir-rigward, b'mod li għandu jiġi konkluż li dan ir-regolament ġie adottat skont proċedura li matulha d-drittijiet tad-difiża ma ġewx irrispettati, li wkoll kellu bħala konsegwenza li l-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva ġie miksur (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Kadi tal-Qorti tal-Ġustizzja, punt 352).

185 Fl-aħħar, fir-rigward tal-argument tal-Kunsill li l-garanziji proċedurali supplementari implementati f'dan il-każ mill-Kummissjoni, wara s-sentenza Kadi tal-Qorti tal-Ġustizzja, jikkorrispondu għal dawk implementati minnu stess wara s-sentenza OMPI, u li ġew approvati mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza PMOI I, dan jinterpreta b'mod żbaljat id-differenzi preċedurali profondi li jeżistu bejn iż-żewġ sistemi Komunitarji ta' ffriżar ta' fondi invokati.

186 Is-sistema Komunitarja ta' ffriżar ta' fondi inkwistjoni fil-kawżi li taw lok għas-sentenzi OMPI u PMOI I hija kkaratterizzata fil-fatt minn proċedura fuq żewġ livelli, waħda nazzjonali, u l-oħra Komunitarja (sentenza OMPI, punt 117). F'din is-sistema, id-drittijiet tad-difiża huma fl-ewwel lok effettivament iggarantiti fil-kuntest tal-proċedura nazzjonali, fejn il-parti kkonċernata għandha titpoġġa f'pożizzjoni fejn tkun tista' tressaq b'mod effettiv l-opinjoni tagħha dwar l-elementi meqjusa kontra tagħha (sentenza OMPI, punt 119), taħt l-istħarriġ tal-qrati nazzjonali jew, fejn ikun xieraq, tal-Qorti Ewropea D.B. (sentenza OMPI, punt 121). Huma preċiżament dawn il-garanziji tad-drittijiet tad-difiża li jeżistu fil-livell nazzjonali, taħt stħarriġ ġudizzjarju effettiv, li jeżentaw lill-istituzzjonijiet Komunitarji minn kull obbligu li jipprovdu mill-ġdid garanziji fuq l-istess suġġett fil-livell Komunitarju (ara f'dan is-sens is-sentenza OMPI, punti 121 sa 125).

187 B'kuntrast ma' din l-ewwel sistema, is-sistema Komunitarja ta' ffriżar ta' fondi inkwistjoni hija wkoll suġġetta għal proċedura fuq żewġ livelli, waħda tal-ONU,

l-oħra Komunitarja, karatterizzata minn nuqqas ta' garanziji tad-drittijiet tad-difiża, taħt stħarriġ ġudizzjarju effettiv, fil-kuntest tal-proċedura quddiem il-Kumitat tas-Sanzjonijiet (ara l-punti 127 u 128 iktar 'il fuq). Isegwi kontrarjament, minn dak li ġie deċiż fil-kawża OMPI, li l-istituzzjonijiet Komunitarji huma obbligati jiżguraw li tali garanziji jkunu stabbiliti u implementati f'livell Komunitarju (ara wkoll, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali M. Poiares Maduro fis-sentenza Kadi tal-Qorti tal-Ġustizzja, iċċitati iktar 'il fuq, punt 54).

188 Jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha li t-tieni motiv huwa fondat fiż-żewġ partijiet tiegħu, rispettivament ibbażati fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża u fuq ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva (ara f'dan is-sens is-sentenza Kadi tal-Qorti tal-Ġustizzja, punt 353).

*Fuq il-ħames motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità*

L-argumenti tal-partijiet

189 Ir-rikorrent, li jirreferi għas-sentenza Kadi tal-Qorti tal-Ġustizzja (punti 283, 284, 355, 358, 360, 362, 369 u 370), isostni li l-preġudizzju għad-dritt ta' proprjetà tiegħu li jirriżulta mir-regolament ikkontestat huwa iktar gravi minn dak li jirriżulta mir-Regolament Nru 881/2002 inkwistjoni fil-kawża li tat lok għal din is-sentenza, minħabba t-tul ta' żmien tiegħu.

190 Huwa argumenta li, f'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-restrizzjoni imposta mir-regolament ikkontestat ma hijex ġustifikata, għaliex din tal-aħħar ġiet adottata mingħajr l-ebda waħda minn dawk il-garanziji li skont il-Qorti tal-Ġustizzja jikkostitwixxu rekwiżiti fundamentali tad-dritt Komunitarju u ma hijiex fondata fuq provi konvinċenti, iżda biss fuq sempliċi affermazzjonijiet.

191 Filwaqt li tirreferi, b'mod partikolari, għal punti 355, 366, 369 u 370 tas-sentenza Kadi tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni targumenta li ċ-ċirkustanzi tal-kawża preżenti huma differenti minn dawk fil-kawża li tat lok għall-imsemmija sentenza. Minn naħa waħda, fil-korrispondenza li skambjat mar-rikorrent, il-Kummissjoni fakkret li l-persuni inklużi fil-lista tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet għandhom il-possibbiltà li jindirizzaw ruħhom direttament lill-punt ċentrali tal-ONU fi New York, billi indikat l-indirizz tad-dipartiment li għandu jiġi avviċinat u s-sit elettroniku li jipprovdi iktar informazzjoni. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni tat lir-rikorrent il-possibbiltà li jiddefendi l-każ tiegħu quddiem l-awtoritajiet tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tqis ukoll li hija applikat b'mod korrett il-proċeduri imposti mill-Qorti tal-Ġustizzja.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

192 Jirriżulta mill-eżami tat-tieni motiv li r-regolament ikkontestat ġie adottat mingħajr ma ngħataw garanziji reali li jippermettu lir-rikorrent jesponi l-każ tiegħu lill-awtoritajiet kompetenti, u dan f'sitwazzjoni li fiha r-restrizzjoni tad-dritt għall-proprjetà tiegħu għandha tiġi kklassifikata bħala kunsiderevoli, fid-dawl tal-portata ġenerali u l-persistenza tal-miżuri ta' ffriżar ta' fondi li għalihom huwa suġġett (ara f'dan is-sens is-sentenzi Hassan tal-Qorti tal-Ġustizzja, punt 92, u Kadi tal-Qorti tal-Ġustizzja, punt 369).

193 Konsegwentement, għandu jiġi konkluż li, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża preżenti, l-impożizzjoni fuq ir-rikorrent ta' miżuri restrittivi li jinkludi r-Regolament

Nru 881/2002, minħabba l-inklużjoni tiegħu fil-lista li tinsab fl-Anness I tiegħu, kif użata mir-regolament ikkontestat, tikkostitwixxi restrizzjoni mhux iġġustifikata tad-dritt tal-proprjetà tiegħu (ara f'dan is-sens is-sentenzi Hassan tak-Qorti tal-Ġustizzja, punt 93, u Kadi tal-Qorti tal-Ġustizzja, punt 370).

194 Għaldaqstant, l-ilmenti tar-rikorrent dwar ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, fil-preġudizzju tad-dritt tiegħu tar-rispett lejn il-proprjetà miġjub mir-regolament ikkontestat, huma fondati (ara f'dan is-sens is-sentenza Hassan tal-Qorti tal-Ġustizzja, punt 94).

195 Jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha li r-regolament ikkontestat għandu jiġi annullat, sa fejn jikkonċerna lir-rikorrent, mingħajr il-bżonn li jiġu eżaminati l-motivi l-oħra tar-rikors.

**Fuq l-ispejjeż**

196 Skont l-Artikolu 87(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress illi l-Kummissjoni tilfet, hemm lok li tiġi kkundannata għall-ispejjeż skond it-talbiet tar-rikorrenti.

197 Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 87(4) tar-Regoli tal-Proċedura, l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet li jintervjenu fil-kawża għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom. Għaldaqstant hemm lok li l-Kunsill, ir-Repubblika Franċiża u r-Renju Unit jiġu ordnati jħallsu l-ispejjeż tagħhom.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Is-Seba'Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

1) **Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1190/2008 tat-28 ta' Novembru 2008 li jemenda għall-101 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban, huwa annullat, sa fejn dan jikkonċerna lil M. Yassin Abdullah Kadi.**

2) **Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata tħallas, minbarra l-ispejjeż tagħha, l-ispejjeż ta' M. Kadi.**

3) **Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, ir-Repubblika Franċiża u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għandhom iħallsu l-ispejjeż tagħhom.**

Forwood | Moavero Milanesi | Schwarcz

Firem

# Werrej

Il-kuntest ġuridiku u l-fatti li wasslu għall-kawża ... II - 5183

Il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u t-Trattat KE ... II - 5184

Azzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà kontra t-terroriżmu internazzjonali ... II - 5186

Is-sentenzi Kadi tal-Qorti Ġenerali u tal-Qorti tal-Ġustizzja ... II - 5195

Wara s-sentenzi Kadi tal-Qorti Ġenerali u tal-Qorti tal-Ġustizzja ... II - 5199

Proċedura ... II - 5206

It-talbiet tal-partijiet ... II - 5208

Il-fatti ... II - 5209

Id-dritt ... II - 5210

Il-kunsiderazzjonijiet preliminari ... II - 5210

Dwar il-livell ta' stħarriġ ġudizzjarju adegwat f'dan il-każ ... II - 5211

L-argumenti tal-partijiet ... II - 5211

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali ... II - 5221

Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ... II - 5236

L-argumenti tal-partijiet ... II - 5236

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali ... II - 5243

Fuq il-ħames motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità ... II - 5248

L-argumenti tal-partijiet ... II - 5248

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali ... II - 5249

Fuq l-ispejjeż ... II - 5250